**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 13 ta` Lulju 2017**

**Kawza Nru.**
**Rik. Nru.73/12 JZM**

**Mary Fatima Vassallo id. 285150 (M) u ghal kull interess zewgha John Vassallo id. 390646(M)**

***kontra***

**(i) Daniel Spiteri detentur tal-karta tal-identita 498573 (M)**

**(ii) L-Awtorita` tad-Djar**

**(iii) Lill-Avukat Generali ghal kull interess**

**(iv) Spiridione Spiteri id. 692545(M)**

**(v) Michael Spiteri id. 553446(M)**

**(vi) Theresa mart Anthony Darmanin id. 486757(M)**

**(vii) Rosemarie mart Paul Deguara id. 364656(M)**

***u***

**b`digriet tal-5 ta` April 2013 gew nominati l-Avukat Dr Noel Bartolo LL.D. u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti minn Malta :**

**(viii) Carmelo sive Charles Spiteri mwieled San Pawl il-Bahar u residenti Sydney Awstralja detentur tal-Passaport Malti 084034, kif ukoll**

**(ix) Charles sive Carlo Spiteri mwieled San Pawl il-Bahar u residenti Toronto Canada bin-numru tal-Passaport 441061**

**lkoll bhala eredi tal-mejjet Carmelo Spiteri li miet nhar it-30 ta` April 2008**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fit-<u>2 ta` Novembru 2012</u> (u konfermat bil-gurament minn Mary Fatima Vassallo) li jaqra hekk :–

Informal

1. Illi l-attrici hija l-propjetarja tal-fond bin-numru estern 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;

2. Illi fid-dsatax (19) ta` Marzu 1981 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri l-attrici u omm l-attrici kienu dahlu f`kuntratt ta` cens temporanju ta` wiehed u ghoxrin sena ma` Carmelo Spiteri, fejn taw u kkoncedew taht titolu ta` enfitewsi temporanju ta` wiehed u ghoxrin sena dekorribbli mill-ewwel (1) ta` Marzu tas-sena 1981, versu c-cens annwu u temporanju ta` sebghin Liri Maltin (Lm70) ekwivalenti llum ghal Euros mija u tlieta u sittin punt hames centezmi (Euros 163.05) u dan skont **dokument JMV 1;**

3. Illi Carmelo Spiteri li deher fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri tad-19 ta` Marzu 1981, kellu dakinhar karta tal-identita` bin-numru 212588 li iktar `il quddiem giet mibdula ghall-karta tal-identita numru 602519 (M);

4. Illi llum-il gurnata Carmelo Spiteri miet fit-30 ta` April 2008 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt markat **dokument JMV 2;**

5. Illi l-perijodu enfitewtiku ghalaq fit-tmienja u ghoxrin (28) ta` Frar 2002;

6. Illi fl-20 ta` Jannar 2001, Spiridione maghruf bhala Spiru u / jew Salvu Spiteri li jigi iben Carmelo Spiteri (u missier Daniel Spiteri) flimkien mal-konvenut Daniel Spiteri, marru d-dar tal-atturi gewwa Hal Tarxien, sabiex jitolbu lill-atturi jikkonvertu c-cens temporanju f`cens gdid temporanju ma` certu Oliver Mallia, li kien habib tal-familja Spiteri;

7. Illi l-atturi dakinhar indikaw li kienu propensi sabiex jaccettaw it-talba taghhom, sakemm Carmelo Spiteri ic-censwalist ezistenti, kien lest jikkancella c-cens temporanju ezistenti dak iz-zmien, u jintlahaq u jsir kuntratt gdid bil-miktub ta` cens temporanju ghall-perijodu iehor gdid ma` Oliver Mallia;

8. Illi l-imsemmi Spiridione Spiteri informa lill-atturi li missieru kien jinsab marid, u li kien lest li jaccetta li jxolji l-kuntratt tac-cens ezistenti, ghal dan l-iskop;

Informali

*9. Illi pero` dan il-ftehim bejn l-atturi u mal-familja Spiteri u Oliver Mallia qatt ma ntlahaq u ma sar ebda kuntratt;*

*10. Illi kien f`dan il-mument u f`din id-diskursata ma` Spiridione Spiteri fejn l-atturi saru jafu mid-diskors ta` Spiridione Spiteri li din id-dar 135 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar kienet giet kolpita b`dikjarazzjoni ta` rekwizizzjoni, u fejn Spiridione Spiteri pproduca kopja ta` dan id-dokument lill-istess atturi. Illi kopja ta` dan ir-requisition order qieghed jigi hawn anness bhala* ***dokument JMV 3*** *kif ukoll in-notice of requisition bhala* ***dokument JMV 4****;*

*11. Illi kien biss f`dan il-mument, li l-atturi saru jafu ghall-ewwel darba b`din l-ordni ta` rekwizizzjoni. Qabel din id-diskursata, l-atturi ma kienux jafu b`din l-ordni. Illi l-atturi qatt ma gew notifikati b`dan l-Ordni ta` Rekwizizzjoni mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali u lanqas ma gew avvzati qabel mic-censwalist Carmelo Spiteri u/jew minn membri tal-familja Spiteri u lanqas mill-konvenut Daniel Spiteri;*

*12. Illi kellu jkun missier il-konvenut Daniel Spiteri li nforma verbalment lill-atturi kif spjegat hawn fuq f`dik il-laqgha ma` Oliver Mallia, b`din l-Ordni ta` Rekwizizzjoni li kienet harget fis-sena 1989. Illi dik kienet l-ewwel darba li l-atturi saru jafu;*

*13. Illi wara din id-diskursata ma` Spiridione Spiteri, l-atturi marru jaghmlu l-verifiki taghhom mad-Dipartiment Ghall-Akkomodazzjoni Socjali li wara sar l-Awtorita` tad-Djar, sabiex jindagaw ezattament x`gara u x`ma garax rigwardanti dan il-fond, peress li mis-sena 1989 (is-sena meta harget ir-Requisition) sakemm saru jafu l-atturi b`dan il-mod fis-sena 2001, ma kienux jafu b`din l-Ordni ta` Rekwizizzjoni mahruga fuq dan il-post ;*

*14. Illi nonostante t-tentattivi da parti tal-atturi li jsiru jafu aktar dettalji fuq ir-rekwizizzjoni bin-numru 5223 mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, tramite ittra datata l-20 ta` Novembru 2007 annessa u mmarkat bhala* ***dok JMV 5*** *talab ghal kopja tal-file intier tal-propjeta` ta` l-atturi stess ;*

Informali

*15. Illi l-atturi kienu rcevew risposta xotta ghal din l-ittra tramite ittra tas-7 ta` Jannar 2008 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala* ***document JMV 6;***

*16. Illi mid-dokumenti li l-atturi rcevew mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali huma gew moghtija dokument wiehed biss li turi kopja ta` Ordni ta` Rekwizizzjoni li nharget allegatament fl-14 ta` Novembru 1989 bin-numru 5223 f`isem is-Sinjur Carmelo Caruana;*

*17. Illi Carmelo Caruana qatt ma kien sid ta` dan il-post 135 Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar u Carmelo Caruana qatt ma rcieva dan id-dokument sa fejn jafu l-atturi;*

*18. Illi l–atturi tramite l-avukat taghhom dak iz-zmien, baghtu ittra f`Ottubru 2010 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala* ***dok JMV 7*** *sabiex isaqsu meta effettivament il-post 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar gie allokat lill-intimat Daniel Spiteri. Illi r-risposta tal-Awtorita` ghall-Akkomodazzjoni Socjali datata d-19 ta` Ottubru 2010 tghid li Daniel Spiteri gie allokat il-post nhar is-17 ta` Ottubru 1990 kif jirrizulta mill-anness ittra* ***dok JMV 8;***

*19. Illi Daniel Spiteri twieled nhar il-5 ta` Novembru 1973 kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid tieghu mmarkat* ***JMV 9*** *u kwindi jfisser li Daniel Spiteri fil-gurnata tal-allokazzjoni tal-propjeta` mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali kellu biss l-eta` ta` 16-il sena u 11-il xahar fejn kwindi kien ghadu minuri, mhux mizzewweg, kien ghadu jattendi l-iskola, kien ghadu jghix mal-genituri tieghu faccata ta` din id-dar, u lanqas ma kien single parent;*

*20. Illi certament Daniel Spiteri minhabba l-eta` zghira tieghu, u sa fejn jafu l-atturi ma kellu ebda dipendenti. Certament, dan ma kienx kaz ta` Social Housing;*

*21. Illi ghalhekk din ir-requisition order bin-numru 5223 jidher li kienet harget mhux skont il-parametri tal-ligi jew regolamenti tad-Dipartiment ghall-Akkomodazjoni Socjali u allura harget b`mod kapriccjuz, irregolari u mhux fl-interess socjali;*

Informali

*22. Illi inoltre bid-dikjarazzjoni li taw l-Awtorita` tad-Djar fejn qalu li l-fond gie allokat lil Daniel Spiteri fis-17 ta` Ottubru 1990 fizikament, jirrizulta li dan il-fond gie allokat lilu, qabel ma harget b`mod ufficjali r-Requisition Order fit-22 ta` Novembru 1990, u dan skont id-**dokument JMV4;***

*23. Illi jidher mill-indagini tal-istess atturi, li kien hemm Requisition Order bin-numru 5223, li allegatament inharget fl-14 ta` Novembru 1989, f`isem Carmelo Caruana (gja anness bhala dok JMV 6), u kien hemm Requisition Order bl-istess numru li allegatament inharget fit-22 ta` Novembru 1990 lil Carmelo Spiteri (gja anness bhala dok JMV 3), u dawn ir-Requisition Orders inhargu t-tnejn, totalment ad insaputa tal-atturi;*

*24. Illi dan l-agir ta`l-istess Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali saret bil-mohbi u ad insaputa tal-atturi li fid-data tal-allegat hrug tar-Requisition Order kienu proprjetarji assoluti tal-fond mertu tal-kawza. Illi l-atturi personalment qatt ma gew notifikati, u ghalhekk id-drittijiet tal-proprjeta` tal-istess atturi gew lezi, billi l-attrici, kienet gja propjetarja ta` tlett kwarti (3/4) sehem indiviz tal-fond 135 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar mis-sena 1974 u proprjetarja assoluta tal-istess imsemmi fond mis-sena 1987 `il quddiem, meta omm l-attrici li kellha ¼ indiviz tal-propjeta` msemmija, mietet u halliet il-wirt taghha lill-unika wild taghha l-attrici;*

*25. Illi meta l-attur John Vassallo acceda fuq il-post fil-15 ta` Frar 2001, biex jiehu idea tal-valur kummercjali u tal-kera potenzjali tal-fond, billi kien hemm din il-proposta tal-familja Spiteri ta` cens gdid ma` Oliver Mallia, l-attur sab il-fond, fi stat ta` abbandun totali, minghajr kamra tal-kcina u minghajr kamra tal-banju;*

*26. Inoltre l-fond kien minghair ebda ghamara u b`sistema tal-elettriku mhux kompluta. Illi kien ovvju li din id-dar kienet ilha m`hix abitata;*

*27. Inoltre kien hemm zewg soqfa fit-tieni sular, li kienu fi stat pjetuz, tant li kien hemm it-travetti, puntali u jakkijiet jissapportjaw it-travi, liema travetti kienu hemm waqt l-access, u ghalhekk saru mic-censwalist u / jew persuna mqabbad minnu, u dan kif jidher fir-ritratti hawn annessi u*

*mmarkati* ***dokumenti JMV 10 sa JMV 12 inkluzi****. Illi dawn ir-ritratti gew mehudin dakinhar stess mill-attur John Vassallo;*

*28. Illi in vista tal-abbandun tal-imsemmi dar, u in vista tal-hsarat estensivi li kien hemm fil-post, l-attur insista waqt l-access li jibghat, xi granet wara, l-Perit tieghu sabiex jaghmel rapport tal-istat tal-fond;*

*29. Illi fil-fatt il-Perit Mariello Spiteri mqabbad mill-atturi mar flimkien mal-atturi u mal-intimat Spiridione Spiteri, fit-28 ta` Frar 2001, sabiex jispezzjonaw il-fond u jaghmel rapport tal-istess post. Illi l-Perit Mariello Spiteri hejja rapport xi gimghat wara li qieghed jigi hawn anness bhala* ***dokument JMV 13****;*

*30. Illi l-atturi ma accettaw ebda cens u/jew kera u/jew pagamenti mill-konvenut Carmelo Spiteri u/jew mill-familja Spiteri wara is-sena 2001, fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz u minhabba l-abbandun totali tad-dar (fejn l-atturi saru jaf b`dan biss fl-access), huma la riedu jirrikonoxxu lil Carmelo Spiteri u lanqas lil Daniel Spiteri u lanqas ma riedu jirrikonoxxu b`ebda mod l-azzjonijiet tal-istess Awtorita` tal-Akkomodazzjoni Socjali;*

*31. Illi l-atturi ma riedu b`ebda mod jikkompromettu d-drittijiet taghhom skont il-ligi ;*

*32. Illi l-atturi fil-mori ta` dan iz-zmien ipprovaw kemm-il darba b`mod bonarju u bla pregudizzju, li jaslu mad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, izda nonostante t-tentattivi u t-talbiet taghhom, dawn gew injorati totalmemt mill-istess Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali llum l-Awtorita` tad-Djar, kif jirrizulta mill-anness dokumenti markati* ***JMV 14 sa JMV 21 inkluzi****, li kienu allokaw il-fond lil Daniel Spiteri, b`mod abbuziv, illegali u b`mod irregolari;*

*33. Illi ghalhekk, dan l-agir da parti tal-Awtorita` tad-Djar (dak iz-zmien id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali) fejn huma naqsu li jinnotifikaw is-sidien b`dawn l-ordnijiet ta` rekwizizzjoni, tammonta ghal ksur tad-drittijiet propjetarji taghhom inkluz tad-drittijiet fondamentali taghhom ta` proprjeta`;*

Informali

*34. Illi oltre dan u kif gja spjegat hawn fuq, Carmelo Spiteri c-censwalist ma kienx qieghed jghix fid-dar 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, u dan kif jidher b`mod car mir-rapport tal-Perit Mariello Spiteri, kif ukoll mir-registri elettorali ta` April 2001 u Ottubru 2001 li qeghdin jigu annessi bhala **dok JMV 22(a) u JMV 22(b)** fejn Carmelo Spiteri kien residenti fid-dar 453 Saint Paul`s Street, Saint Paul`s Bay, u mhux gol-135 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar;*

*35. Illi anki wara li ghalaq ic-cens temporanju fi Frar 2002, xorta wahda Carmelo Spiteri baqa` jghix fil-fond 453 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar kif jirrizulta mir-Registru Elettorali ta` April 2002 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala **document JMV 22(c)** ;*

*36. Illi kagun tar-requisition order 5223, idejn l-atturi gew marbuta b`mod li ma setghux jintavolaw kawza quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera ghall-izgumbrar ta` Carmelo Spiteri kif ukoll ta` Daniel Spiteri mill-fond taghhom, nonostante l-fatt li l-atturi kellhom bazi sabiex jifthu tali kawza billi c-censwalist ma kienx qieghed jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi u cjoe` li jirrisjedi fil-fond bhala cittadin Malti u bhala residenza ordinarja, skont il-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*37. Illi minn indagini li ghamlu l-atturi, rrizulta li fit-tnax (12) ta` Jannar 2002, inhareg `enforcement notice` bin-numru ECF 00535/2002 li kopja tieghu qieghed jigi esebit bhala **dokument JMV 23** fil-konfront ta` Daniel Spiteri. L-imsemmi konvenut Daniel Spiteri kien ghamel xoghlijiet minghajr il-permessi necessarji tal-MEPA, u minghajr lanqas ma nforma lill-atturi bhala sid il-post, li kien ser jaghmel tali xoghlijiet strutturali, liema xoghlijiet strutturali saru b`mod abbuziv u minghajr il-kunsens tal-istess atturi. Illi l-atturi lanqas ma kienu gew infurmati b`dan kollu, u saru jafu biss billi ghamlu indagni mal-MEPA xi snin wara ;*

*38. Illi dan it-tehid furzat ta` din il-proprjeta` oltre li hija abbuziva u illegali, stante li l-atturi qatt ma gew notifikati b`tali ordni ta` rekwizizzjoni, tilledi l-principju tal-godiment tal-proprjeta` oltre li dan it-tehid furzat mhuwiex proporjonzali, u huwa in vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Protocol numru wiehed (1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*39. Illi ghalhekk gjaladarba ma gewx aderiti r-rekwiziti tac-censwalist Carmelo Spiteri skont il-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta fejn ma*

Informali

*kienx residenti fil-fond mertu tal-kawza fit-terminu tac-cens, u gjaladarba l-allokazzjoni ta` proprjeta` tal-atturi lil terzi mill-Awtorita` ghall-Akkomodazzjoni Socjali sar b`mod kapriccjuz u ad insaputa tal-atturi, gew lezi d-drittijiet ta` proprjeta` li ghandhom l-atturi;*

*40. Illi l-atturi ntavolaw ittra ufficcjali nhar l-1 ta` Ottubru 2009, fil-konfront tal-konvenuti sabiex jinterpellaw lill-konvenuti skont il-ligi, u dan kif jirrizulta mill-anness **dokument JMV 24**;*

*41. Illi ciononostante din l-interpellazzjoni, l-konvenuti baqghu inadempjenti, ghajr l-Awtorita` tad-Djar li baghtu ittra datata t-30 ta` Ottubru 2009 bhala **dok JMV 25** fejn irrispingew il-pretensjonijiet tal-atturi;*

*42. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti prevja kwalsiaisi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex taqta` u tiddeciedi li –*

*1) Tiddikjara li bir-rekwizizzjoni 5223 mahrugin fl-14 ta` Novembru 1989 u tat-22 ta` Dicembru 1990 mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali (illum l-Awtorita` tad-Djar), gie vjolat id-drittijiet fondamentali tal-atturi kif protetti fl-artikolu wiehed (1) tal-Protocol numru wiehed (1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew skont l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta;*

*2) Tiddeciedi li l-konvenut Daniel Spiteri ma ghandu ebda titolu legali gustifikat skont il-ligi, sabiex jiddetjeni l-post 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, b`titolu taht requisition order u/jew kwalunkwe titolu iehor, u ghaldaqstant ghandu jivvaka l-fond entro terminu qasir u perentorju li tiddetermina l-Qorti stess;*

*3) Tikkundanna ghalhekk lill-intimati jirrilaxxjaw liberu u vojt f`idejn l-atturi `l fuq imsemmi fond 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, wara li tannulla l-ordnijiet ta` rekwizizzjoni mahrugin kontra taghhom;*

Informali

*4) Taghti kull ordni u rimedju iehor xieraq jew opportun biex tigi spurgjata l-vjolazzjoni ezistenti u kontinwa tad-drittijiet fondamentali taghhom kif fuq inghad;*

*5) Tillikwida kull kumpens xieraq lilhom dovut ghas-snin li ilhom imcahhda mit-tgawdija ta` hwejjighom minghajr kumpens xieraq rizultat tal-okkupazzjoni kontinwa furzata, tal-fond kif fuq imsemmi, u tal-hsara u danni kagunata lilhom, b`konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom kif fuq inghad ;*

*Il-konvenuti huma ngunti in subizzjoni.*

*B`rizerva ghall-istess atturi li jzommu l-konvenuti responsabbli in solidum ghad-danni kollha sofferti minnhom fil-propjeta` taghhom, u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fit-<u>30 ta` April 2013</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament jinhass xieraq li ladarba r-rikorrenti qeghdin jilmentaw li gew imkasbra fil-jedd ta` gidhom huma ghandhom qabel xejn juru l-gheruq tat-titolu taghhom fuq il-fond bin-numru 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Fl-istess waqt, huwa mportanti wkoll li tigi ndikata d-data ezatta ta` meta huma saru sidien ta` dan il-post ghaliex huwa naturali li l-ilment konvenzjonali taghhom jista` jigi meqjus biss mid-data ta` meta l-post in kwistjoni gie jifforma parti mill-patrimonju taghhom u mhux minn qabel;*

*2. Illi in limine litis ukoll safejn l-esponent qieghed jifhem li l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes kontra z-zewg ordnijiet ta` rekwizizzjoni bin-numru 5223 li nhargu mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fl-14 ta` Novembru 1989 u fit-22 ta` Novembru 1990 rispettivament, dan ghandu jfisser li strettament it-tilwima taghhom hija mal-Awtorità tad-Djar, li skont l-**artikolu 24** tal-**Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap 261 tal-Ligijiet ta`***

Informali

**Malta)** assorbiet id-drittijiet, obbligi, funzjonijiet u assi li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali;

Tassew ir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali taghhom la huma qeghdin jattakkaw xi dispozizzjoni partikolari tal-ligi u lanqas xi ghemil maghmul mill-Avukat Generali. Jigi b`hekk, li l-Avukat Generali gie mharrek bla bzonn f`dawn il-proceduri a sensu tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta** u ghaldaqstant huwa l-kaz li jigi mehlus mill-harsien ta` dan il-gudizzju;

3. Illi bla ksara ghall-premess, jekk ir-rikorrenti riedu jikkontestaw il-legalità ta` kif hargu z-zewg ordnijiet ta` rekwizizzjoni msemmija minnhom, huma kien messhom l-ewwel inqdew bir-rimedji ordinarji provduti lilhom mil-ligi domestika u mhux ghazlu li jibdew dawn il-proceduri straordinarji ta` bixra kostituzzjonali. Tassew jekk huma hassew li l-ordni ta` rekwizizzjoni ma kinitx qed taqdi skop pubbliku jew li l-mod kif inhargu dawn l-ordnijiet ma kinux jirriflettu l-vot tal-**artikolu 8 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta**, allura huma messhom qabel ma marru ghal dawn il-proceduri kostituzzjonali, fethu proceduri ta` stharrig gudizzjarju fuq il-bazi li l-ghemejjel amministrattivi mahruga mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ma kinux iharsu d-dispozizzjonijiet tal-ligi;

Mhux hekk biss, jekk kemm-il darba r-rikorrenti jew l-awturi taghhom ma ridux joqghodu ghall-allokazzjoni maghmula favur Daniel Spiteri, huma dejjem kellhom il-jedd li joggezzjonaw ghal dik l-allokazzjoni skont il-procedura msemmija fl-**artikolu 8 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta**;

Ghalhekk fid-dawl ta` dan in-nuqqas ta` ezawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent qieghed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta**;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-mertu, mhux minnu li r-rikorrenti ma kinux mgharrfa bil-hrug tal-ordni ta` rekwizizzjoni 5223. Dan ghaliex l-ordni tal-14 ta` Novembru 1989 li giet mdahhla f`**Dok. JMV6** fir-rikors kostituzzjonali, kienet intbaghtet lil Carmelo Caruana, li incidentalment jigi missier ir-rikorrenti Mary Fatima Vassallo. Issa huwa interessanti hafna, li minn ircevuta postali fil-pussess tal-Awtorita`

*tad-Djar, jidher li kienet sahansitra r-rikorrenti Mary Fatima Vassallo li kienet laqghet ghandha l-ordni ta` rekwizizzjoni. Ifisser allura li l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma kinux mgharrfa bl-ordni ta` rekwizizzjoni hija ghal kollox skorretta;*

*Imma anke kieku stess ghal gieh tal-argument biss, wiehed kellu jikkoncedi li ma kienx hemm notifika tal-ordni ta` rekwizizzjoni, hija gurisprudenza pacifika li ma hemmx ghalfejn li tinnotifika s-sid tal-post ghaliex ir-rekwizizzjoni ta` fond setghet issir anki bis-semplici tehid ta` pussess ta` bini u dan billi tavza lil persuna li effettivament tkun qed tokkupa l-post. F`dan il-kaz, l-okkupant tal-post kien Carmel Spiteri u l-ordni ta` rekwizizzjoni fil-konfront tieghu nharget fit-22 ta` Novembru 1990;*

*5. Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti li l-allokazzjoni tal-fond rekwizizzjonat saret favur Daniel Spiteri li dak iz-zmien kien ghadu minorenni, din b`daqshekk ma xxejjinx jew ahjar ma tohnoqx is-siwi tal-allokazzjoni ghaliex imkien fil-ligi ma hemm imnizzel li l-allokazzjoni trid issir favur maggorenni biss. Intant minn mindu saret l-allokazzjoni favur Daniel Spiteri, dan l-istess individwu ghadu jghix hemmhekk sal-lum mal-familja tieghu;*

*6. Illi dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, l-esponent jissottometti li dan huwa ghal kollox improponibbli, ghaliex dan l-artikolu jghodd biss meta jkun hemm tehid obbligatorju tal-proprjeta`. Tassew sabiex wiehed jista` jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi mnezza` minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta` bhal meta jkun hemm ordni ta` esproprijazzjoni ta` xiri dirett. Pero` dan mhuwiex il-kaz hawnhekk, ghaliex bl-ordnijiet ta` rekwizizzjoni s-sidien ma jitilfux ghal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-gid in kwistjoni. Tabilhaqq il-mizura tar-rekwizizzjoni li qed tigi attakkata mir-rikorrenti, ghalkemm ma hemmx dubbju li din tikkostitwixxi ghamla ta` kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjeta`, madankollu tali mizura ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-propjeta`. Jigi b`hekk li l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex kopert fil-parametri tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta** u konsegwentement ghandu jigi mwarrab;*

*7. Illi dejjem minghajr hsara ghall-premess, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea,** ghandu jinghad li skont il-proviso ta` dan l-istess*

*artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` skont l-interess generali. F`dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x`inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghal harsien tal-interess generali.*

*Partikolarment fis-sentenza* ***Edwards vs. Malta*** *deciza fl-24 ta` Ottubru 2006 il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja dwar il-ligi tar-rekwizizzjoni kienet ippronunzjat ruhha b`dan il-mod:-*

*In the present case, the Court can accept the Government`s argument that the requisition and the rent control were aimed at ensuring the just distribution and use of housing resources in a country where land available for construction could not meet the demand. These measures, implemented with a view to securing the social protection of tenants (see, mutatis mutandis, Hutten-Czapska, cited above, § 178, and Ghigo, cited above, § 58), were also aimed at preventing homelessness, as well as at protecting the dignity of poorly off tenants (see paragraphs 43 and 47 above).*

*The Court accepts that the impugned legislation had a legitimate aim in the general interest, as required by the second paragraph of Article 1.*

*Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ligi ta` rekwizizzjoni taqdi ghanijiet legittimi fl-interess generali u mill-aspett legali taghha r-rikorrenti m`ghandhomx ragun li jikkontestawha;*

*8. Illi stabbilit li l-ordnijiet ta` rekwizizzjoni in kwistjoni ghandhom ghanijiet legittimi u huma fl-interess generali, b`dana li ma hemm xejn hazin taht il-Konvenzjoni Ewropea, li l-ligi Maltija tiddisponi li certu postijiet jistghu jigu mehuda minn idejn is-sidien pro tempore biex jinghataw lil persuni li huma fil-bzonn ta` dar fejn jghammru, allura sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjali li l-okkupazzjoni ta` Daniel Spiteri fil-post ta` San Pawl il-Bahar ghandha tigi mwaqqfa, tali talba mhijiex misthoqqa. Dan qed jinghad ghaliex wiehed ma jistax fl-istess nifs jaghraf l-iskop, il-htiega u l-legittimita` tal-mizura msemmija fl-**artikolu 12 (2)** biex imbaghad jinnewtralizzaha billi jaghmilha inapplikabbli bl-izgumbrament tal-okkupanti ;*

*9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, dwar l-ilment tal-proporzjonalita` fil-kumpens mircievi mir-rikorrenti bhala*

Informal Copy

*konsegwenza tal-ordni ta` rekwizizzjoni, jibda billi jinghad illi huwa principju konvenzjonali milqugh f`bosta decizjonijiet tal-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, li meta jkun hemm prezenti ghanijiet legittimi mehuda fl-interess pubbliku, bhalma hawn f`dan il-kaz, il-kumpens dovut lis-sidien minhabba l-indhil fit-tgawdija ta` gidhom, jigbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur shih tas-suq;*

*10. Illi fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti stess permezz tal-kuntratt ta` enfitewsi temporanju datat 19 ta` Marzu 1981 (**Dok. JMV 1**) kienu b`mod hieles stabbilew il-valur ta` €163.05 fis-sena ghall-okkupazzjoni ta` dan il-fond ghal bejn is-snin 1981 u 2002. Jigifieri fi zgur ghal bejn dawn is-snin ir-rikorrenti ma kinux qeghdin ifittxu ghall-ammont oghla minn dan peress li gie impost minnhom stess, b`dana li huma kienu qeghdin iqisu dan l-ammont bhala valur gust ghal okkupazzjoni ta` dan il-fond;*

*Minn wara l-2002 ghall-inqas mill-atti sa issa prezentati, ma jidhirx li r-rikorrenti jew l-awturi taghhom qabel din il-kawza fl-2012, kienu kkontestaw l-ammont tal-kumpens b`xi ittra ufficjali jew b`xi protest gudizzjarju. Ghalhekk dan jimplika ghall-esponent li sad-data li r-rikorrenti fethu dawn il-proceduri huma ma kinux daqshekk imdejqin bl-ammont tal-kumpens iffissat ladarba qatt ma hadu azzjoni minn qabel f`dawn l-ahhar ghaxar snin. Tassew f`dawn ic-cirkostanzi l-moghdija taz-zmien biex fethu dawn il-proceduri ssarraf f`accettazzjoni jew ahjar f`akkwiexxenza min-naha taghhom ghall-qaghda li kienu jinsabu fiha;*

*Fl-ahharnett, bil-migja tal-emendi l-godda fil-qasam tal-ligi tal-kera promulgati fl-1 ta` Ottubru 2011, tramite r-**regolament numru 2** inkorporat fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 16.12,** bl-isem, **`Regolamenti dwar l-Inqas Kumpens Ghal Bini Rekwizizzjonat**, il-kera li r-rikorrenti jistghu jdahhlu minghand Daniel Spiteri mhux ser tibqa` fissa ghal dejjem izda ser toghla kull **<u>tliet snin</u>** b`mod proporzjonali skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta** fuq il-bazi tal-indici tal-inflazzjoni, kif hemm provdut fl-**artikolu 13 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta**. Ifisser, li wara l-emendi li saru, il-kera giet aggustata biex aktar tirrifletti r-rejaltajiet tal-lum. Ghalhekk l-esponent ihoss li bl-avvent tal-ligi l-gdida fl-2011, li ziedet l-ammont tal-kumpens fil-konfront ta` dawk il-proprjetajiet milquta bir-rekwizizzjoni, qed jinzamm bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tar-rikorrenti;*

Informali

*Minn dan kollu jsegwi li anke l-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-proprozjonalita` tal-kumpens ma jinsabx gustifikat ghaliex ma hemm l-ebda ksur tal-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u kwindi kull talba ghal kumpens maghmula mir-rikorrenti mhijiex misthoqqa;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat ir-risposta li pprezentat l-Awtorita` tad-Djar fit-3 ta` Mejju 2013 li taqra hekk :-

*1. Illi preliminarjament jinhass xieraq li ladarba r-rikorrenti qeghdin jilmentaw li gew imkasbra fil-jedd ta` gidhom huma ghandhom qabel xejn juru l-gheruq tat-titolu taghhom fuq il-fond bin-numru 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Fl-istess waqt, huwa importanti wkoll li tigi indikata d-data ezatta ta` meta huma saru sidien ta` dan il-post ghaliex huwa naturali li l-ilment konvenzjonali taghhom jista` jigi meqjus biss mid-data ta` meta l-post in kwistjoni gie jifforma parti mill-patrimonju taghhom u mhux minn qabel;*

*2. Illi bla hsara ghal premess, jekk ir-rikorrenti riedu jikkontestaw il-legalita` ta` kif hargu z-zewg ordnijiet ta` rekwizizzjoni msemmija minnhom, huma kien messhom l-ewwel inqdew bir-rimedji ordinarji provduti lilhom mil-ligi domestika u mhux ghazlu li jibdew dawn il-proceduri kostituzzjonali. Tassew jekk huma hassew li l-ordni ta` rekwizizzjoni ma kinitx qed taqdi skop pubbliku jew li l-mod kif inhargu dawn l-ordnijiet ma kinux jirriflettu l-vot tal-**artikolu 3 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta**, allura huma messhom qabel ma marru ghal dawn il-proceduri kostituzzjonali, fethu proceduri ta` stharrig gudizzjarju fuq il-bazi li l-ghemejjel amministrattivi mahruga mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ma kinux iharsu d-dispozizzjonijiet tal-ligi;*

*Mhux hekk biss, jekk kemm –il darba r-rikorrenti jew l-awturi taghhom ma ridux joqghodu ghall-allokazzjoni maghmula favur Daniel Spiteri, huma dejjem kellhom il-jedd li joggezzjonaw ghal dik l-allokazzjoni skont il-procedura msemmija fl-**artikolu 8 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta**;*

Informal

*Ghalhekk fid-dawl ta` dan in-nuqqas ta` ezawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent qieghed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta**;*

*Illi ghalhekk l-atturi ma ezawrixxewx ir-rimedji ordinarji taghhom u minflok mill-ewwel marru ghal azzjoni fil-Qorti Kostituzzjonali. A bazi ta` dan il-fatt it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu;*

*3. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-mertu, mhux minnu li r-rikorrenti ma kinux mgharrfa bil-hrug tal-ordni ta` rekwizizzjoni 5223. Dan ghaliex l-ordni tal-14 ta` Novembru 1989 li giet mdahhla f`**Dok. JMV6** fir-rikors kostituzzjonali, kienet intbaghtet lil Carmelo Caruana, li incidentalment jigi missier ir-rikorrenti Mary Fatima Vassallo. Issa huwa interessanti hafna, li minn ircevuta postali fil-pussess tal-Awtorita` tad-Djar, jidher li kienet sahansitra r-rikorrenti Mary Fatima Vassallo li kienet laqghet ghandha l-ordni ta` rekwizizzjoni. Qed jigu annessi zewg dokumenti CA1 u CA2 li jippruvaw dan. Ifisser allura li l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma kinux mgharrfa bl-ordni ta` rekwizizzjoni hija ghal kollox skorretta;*

*Imma anke kieku stess ghal gieh tal-argument biss, wiehed kellu jikkoncedi li ma kienx hemm notifika tal-ordni ta` rekwizizzjoni, hija gurisprudenza pacifika li ma hemmx ghalfejn li tinnotifika s-sid tal-post ghaliex ir-rekwizizzjoni ta` fond setghet issir anki bis-semplici tehid ta` pussess ta` bini u dan billi tavza lill-persuna li effettivament tkun qed tokkupa l-post. F`dan il-kaz, l-okkupant tal-post kien Carmel Spiteri u l-ordni ta` rekwizizzjoni fil-konfront tieghu nharget fil-22 ta` Novembru 1990;*

*Illi fil-fatt ma kinitx l-ordni ta` rekwizizzjoni li waqqfet lill-atturi milli jiehdu lura l-fond. Kienet il-bruda taghhom li jagixxu li wasslet ghal fatt li huma baqghu ma hadux il-fond meta spicca c-cens. Tant hu hekk illi l-atturi qed jghidu li huma ma kinux jafu bl-Ordni ta` Rekwizizzjoni – haga li ma tirrizultax ghaliex is-sidien kienu gew notifikati bl-Odni ta` Rekwizizzjoni u ma aggixxewx kontriha.*

*4. Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti li l-allokazzjoni tal-fond rekwizizzjonat saret favur Daniel Spiteri li dak iz-zmien kien ghadu*

Informali

*minorreni, din b`daqshekk ma xxejjinx jew ahjar ma tohnoqx is-siwi tal-allokazzjoni ghaliex imkien fil-ligi ma hemm imnizzel li l-allokazzjoni trid issir favur maggorenni biss. Intant minn mindu saret l-allokazzjoni favur Daniel Spiteri, dan l-istess individwu ghadu jghix hemmhekk sal-lum mal-familja tieghu – ghalhekk hu evidenti li l-Ordni qed taqdi il-funzjoni taghha;*

*Illi kieku l-atturi agixxew ghall-izgumbrament u l-intimati l-ohra ma battlux il-fond minhabba l-Ordni ta` Rekwizizzjoni kienet tkun storja differenti – u anke hawn irid jinghad illi kieku gara hekk u l-Awtorita` tad-Djar kienet tkun notifikata u allura hi kienet f` kull probabbilita` ikollha l-opportunita` tnehhi l-Ordni jekk thoss li ma kinitx mehtiega aktar sabiex tipprotegi lil xi hadd li jkun fi bzonn ta` akkomodazzjoni socjali. Fil-fatt din hi l-politika kostanti li issa ilha tahdem biha l-Awtorita tad-Djar – cioe` fejn hemm ordni mhux mehtiega allura jinhareg ordni ta` de-rekwizizzjoni;*

*Illi dan kien kaz fejn l-awturi tal-atturi taw b`subcens fond lil terzi – (kienu huma li ddecidew kemm kellu jkun ic-cens). Fi tmiem ic-cens dan inqaleb f` kera – intant Daniel Spiteri kien qed jghix mac-censwalist. Hu kien protett fil-kirja tieghu bis-sahha tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta. Issa f` dan il-kaz l-atturi naqsu li jagixxu minkejja li skont huma lanqas biss kienu jafu bl-Ordni ta` Rekwizizzjoni.*

*5. Illi dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, l-esponent jissottometti li dan huwa ghal kollox improponibbli, ghaliex dan l-artikolu jghodd biss meta jkun hemm tehid obbligatorju tal-proprjeta`. Tassew sabiex wiehed jista` jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi mnezza` minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta` bhal meta jkun hemm ordni ta` esproprijazzjoni ta` xiri dirett. Pero` dan mhuwiex il-kaz hawnhekk, ghaliex bl-ordnijiet ta` rekwizizzjoni s-sidien ma jitilfux ghal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-gid in kwistjoni. Tabilhaqq il-mizura tar-rekwizizzjoni li qed tigi attakkata mir-rikorrenti, ghalkemm ma hemmx dubbju li din tikkostitwixxi ghamla ta` kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjeta`, madankollu tali mizura ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-propjeta`. Jigi b`hekk li l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex kopert fil-parametri tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta** u konsegwentement ghandu jigi mwarrab;*

*6. Illi dejjem minghajr hsara ghal premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-***

Informal

***Konvenzjoni Ewropea,*** *ghandu jinghad li skont il-proviso ta` dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` skont l-interess generali. F`dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x`inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghal harsien tal-interess generali.*

*Partikolarment fis-sentenza* ***Edwards vs. Malta*** *deciza fl-24 ta` Ottubru 2006 il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja dwar il-ligi tar-rekwizizzjoni kienet ippronunzjat ruhha b`dan il-mod: -*

*"In the present case, the Court can accept the Government`s argument that the requisition and the rent control were aimed at ensuring the just distribution and use of housing resources in a country where land available for construction could not meet the demand. These measures, implemented with a view to securing the social protection of tenants (see, mutatis mutandis, Hutten-Czapska, cited above, § 178, and Ghigo, cited above, § 58), were also aimed at preventing homelessness, as well as at protecting the dignity of poorly off tenants (see paragraphs 43 and 47 above).*

*The Court accepts that the impugned legislation had a legitimate aim in the general interest, as required by the second paragraph of Article 1."*

*Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ligi ta` rekwizizzjoni taqdi ghanijiet legittimi fl-interess generali u mill-aspett legali taghha r-rikorrenti m`ghandhomx ragun li jikkontestawha.*

*7. Illi stabbilit li l-ordnijiet ta` rekwizizzjoni in kwistjoni ghandhom ghanijiet legittimi u huma fl-interess generali, b`dana li ma hemm xejn hazin taht il-Konvenzjoni Ewropea, li l-ligi Maltija tiddisponi li certu postijiet jistghu jigu mehuda minn idejn is-sidien pro tempore biex jinghataw lil persuni li huma fil-bzonn ta` dar fejn jghammru, allura sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjali li l-okkupazzjoni ta` Daniel Spiteri fil-post ta` San Pawl il-Bahar ghandha tigi mwaqqfa, tali talba mhijiex misthoqqa. Dan qed jinghad ghaliex wiehed ma jistax fl-istess nifs jaghraf l-iskop, il-htiega u l-legittimita` tal-mizura msemmija fl-**artikolu 12 (2)** biex imbaghad jinnewtralizzaha billi jaghmilha inapplikabbli bl-izgumbrament tal-okkupanti;*

*8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, dwar l-ilment tal-proporzjonalita` fil-kumpens ricevut mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-ordni ta` rekwizizzjoni, jibda billi jinghad illi huwa principju konvenzjonali milqugh f`bosta decizjonijiet tal-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, li meta jkun hemm prezenti ghanijiet legittimi mehuda fl-interess pubbliku, bhalma hawn f`dan il-kaz, il-kumpens dovut lis-sidien minhabba l-indhil fit-tgawdija ta` gidhom, jigbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur shih tas-suq;*

*9. Illi fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti stess permezz tal-kuntratt ta` enfitewsi temporanju datat 19 ta` Marzu 1981 (**Dok. JMV 1**), kienu b`mod hieles stabbilew il-valur ta` €163.05 fis-sena ghall-okkupazzjoni ta` dan il-fond ghal bejn is-snin 1981 u 2002. Jigifieri fi zgur ghal bejn dawn is-snin ir-rikorrenti ma kinux qeghdin ifittxu ghal ammont oghla minn dan peress li gie deciz u impost minnhom stess, b`dana li huma kienu qeghdin iqisu dan l-ammont bhala valur gust ghal okkupazzjoni ta` dan il-fond;*

*Minn wara l-2002 (ghallinqas mill-atti sa issa prezentati), ma jidhirx li r-rikorrenti jew l-awturi taghhom qabel din il-kawza fl-2012, kienu kkontestaw l-ammont tal-kumpens b`xi ittra ufficjali jew b`xi protest gudizzjarju. Ghalhekk dan jimplika ghall-esponent li sad-data li r-rikorrenti fethu dawn il-proceduri huma ma kinux qed jillanjaw mill-ammont tal-kumpens iffissat ladarba qatt ma hadu azzjoni minn qabel f`dawn l-ahhar ghaxar snin. Tassew f`dawn ic-cirkostanzi l-moghdija taz-zmien biex fethu dawn il-proceduri ssarraf f`accettazzjoni jew ahjar f`akkwijexxenza min-naha taghhom ghall-qaghda li kienu jinsabu fiha.*

*10. Illi dan kien kaz ta` cens li spicca u fi tmiemu gie maqlub skont il-ligi (Kap 158) f` kera – dan kollu mhuwiex ta` indole kostituzzjonali. Intant f` dan l-akkadut kollu l-Ordni ta` Rekiwizizzjoni ma kellha ebda rilevanza. Kienu l-awturi tal-istess atturi li taw il-fond lill-konvenuti l-ohra u l-Awtorita` tad-Djar ma kellha ebda sehem fix-xorti li messet lil dan il-fond;*

*Fl-ahharnett, bil-migja tal-emendi l-godda fil-qasam tal-ligi tal-kera promulgati fl-1 ta` Ottubru 2011, tramite r-**regolament numru 2** inkorporat fil-**Legislazzjoni Sussidjarja 16.12,** bl-isem, `**Regolamenti dwar l-Inqas Kumpens Ghal Bini Rekwizizzjonat**, il-kera li r-rikorrenti jistghu jdahhlu minghand Daniel Spiteri mhux ser tibqa` fissa ghal dejjem izda ser toghla kull **<u>tliet snin</u>** b`mod proporzjonali skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta** fuq il-bazi tal-indici tal-*

Informal

*inflazzjoni, kif hemm provdut fl-**artikolu 13 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta**. Ifisser, li wara l-emendi li saru, il-kera giet aggustata biex aktar tirrifletti r-rejaltajet tallum. Ghalhekk l-esponent ihoss li bl-avvent tal-ligi l-gdida fl-2011, li ziedet l-ammont tal-kumpens fil-konfront ta` dawk il-proprjetajiet milquta bir-rekwizizzjoni, qed jinzamm bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tar-rikorrenti;*

*Minn dan kollu jsegwi li anke l-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-proprozjonalita` tal-kumpens ma jinsabx gustifikat ghaliex ma hemm l-ebda ksur tal-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u kwindi kull talba ghal kumpens maghmula mir-rikorrenti mhijiex misthoqqa;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u l-PL Doreen Aquilina li kienet prezentata fit-22 ta` Mejju 2013 u li taqra hekk :–

*1. Illi f`dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati u f`dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandha dwar kull mezz ta` komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga` provduta fir-rikors guramentat.*

*2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-intimati Michael Spiteri, Rosemary Deguara fl-isem taghha kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer huha Carmelo sive Charles Spiteri, u Theresa Darmanin fl-isem taghha kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer huha Charles Spiteri li kienet prezentata fit-23 ta` Mejju 2013 (u konfermata bil-gurament minn Rosemary Deguara) li taqra hekk :–

Informali

*1. Illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Mary Fatima Vassallo u zewgha John Vassallo, li milli jidher ma ghandu l-ebda interess f`dawna l-proceduri.*

*2. Illi l-esponenti huma totalment estraneji ghall-hrug tal-Ordni ta` Rekwizizzjoni msemmija fir-rikors guramentat tar-rikorrenti Mary Fatima Vassallo u zewgha.*

*3. Illi l-atturi jridu jippruvaw illi l-awtur tal-esponenti, senjatament missierhom Carmelo Spiteri, kien kiseb il-hrug tal-Ordni ta` Rekwizizzjoni. Fin-nuqqas huwa evidenti li dawna l-proceduri ma jistghux jissussistu fil-konfront tal-eccipjenti.*

*4. Illi l-ewwel, it-tieni, ir-raba` u l-hames talbiet attrici qatt ma jistghu jreggu fir-rigward tal-esponenti, tant li huma diretti kontra eccipjenti ohra f`dina l-procedura.*

*5. Illi l-esponenti qatt ma kellhom il-pussess tal-fond 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, u ghalhekk it-tielet talba attrici qatt ma tista` tissussisti fil-konfront taghhom.*

*6. Illi l-eccipjenti zgur li ma ghamlu ebda att li seta` b`xi mod wassal ghall-ksur ta` xi dritt fondamentali tal-atturi, u ghalhekk l-anqas biss jista` jigi mitlub li l-eccipjenti jhallsu xi forma ta` kumpens lill-atturi. Fil-fatt, l-esponenti qatt ma gew interpellati mill-atturi qabel ma rcevew l-atti ta` dina l-kawza.*

Rat ir-risposta ta` Daniel Spiteri u Spiridione Spiteri li kienet prezentata fil--<u>21 ta` Awwissu 2013</u> li taqra hekk :–

*1. Illi l-mejjet Carmelo Spiteri, li jigi missier missier l-esponenti, fid-dsatax (19) ta` Marzu 1981, akkwista minghand l-attrici l-fond bin-numru estern 135, Triq San Pawl il-Bahar b`titolu ta` cens temporanju ta` wiehed u ghoxrin (21) sena verso cens ta` Lm70 fis-sena;*

*2. Illi f`dan il-fond kienu jabitaw l-intimata, it-tifla ta` Carmelo Spiteri, Rosemarie u r-ragel taghha Paul Deguara u dana kienu qed jokkupawh bla ebda titolu ta` xejn u di fatti c-cens kien jithallas mill-missier is-Sur Carmelo Spiteri –* ***DOK DS1;***

*3. Illi fl-erbatax (14) ta` Novembru 1989 inharget Avviz Dwar Ordni ta` Rekwizizzjoni numru 5223 lil Carmelo Caruana li ghaddiha lil Paul Deguara fejn gie mitlub jitlaq il-pussess tal-post u jikkunsinna c-cwievet lid-Dipartiment sat-tlieta (3) ta` Frar 1990 –* ***DOK DS2;***

*4. Illi fis-sbatax (17) ta` Ottubru 1990 l-esponenti, ircieva Avviz ta` Allokazzjoni minghand id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u gie moghti c-cwievet ghal dan il-fond u gie mitlub li jikkunsinna dawn ic-cwievet `on vacation` –* ***DOK DS3;***

*5. Illi susseguentement fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Novembru 1990 is-Sur Carmelo Spiteri rcieva Avviz Dwar Ordni ta` Rekwizizzjoni bin-numru 5223 minghand id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fejn gie ordnat li ghandu jitlaq il-pussess ta` dan il-post `on vacation` jew meta johrog (liema minnhom tissuccjedi l-ewwel) u jikkunsinna c-cwievet lid-Dipartiment –* ***DOK DS4;***

*6. Illi l-kera ta` dan il-post li tammonta ghal LM70 baqghet tithallas mis-Sur Carmelo Spiteri lill-attrici sa Frar 2003 –* ***DOK DS5;***

*7. Illi wara din id-data l-attrici, ghalkemm debitament offruta l-hlas tal-kera mill-esponenti, irrifjutat minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi, li taccettaha, u ghaldaqstant l-esponenti sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu u jezimi ruhu minn kull responsabilita` beda jiddepozita din il-kera, u cioe` l-ammont ta` €116.47 il-Qorti;*

*8. Illi l-esponenti f`dan il-perjodu, qatt ma gie notifikat b`xi ittra ufficjali u lanqas b`dik l-ittra ufficjali datata 1 ta` Ottubru 2009 li jirreferi ghaliha r-rikors;*

*9. Illi tul dan iz-zmien huwa ghamel meljoramenti nterni f`din il-proprjeta` fejn ghadu jghix fiha sal-lum, u dan minghajr ma kellu l-htiega ta`*

Informali

*permessi tal-MEPA u l-alterazzjonijiet riferuti fir-rikors kienu saru qabel ma l-esponenti gie allokat il-fond;*

*Ghaldaqstant l-esponenti waqt li jirrimettu ruhu ghad-decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti dwar it-tieni u t-tielet talba attrici, ma ghandhomx jigu mitlubin ihallsu xi forma ta` kumpens lill-atturi peress li ma ghamlu l-ebda att li seta` b`xi mod wassal ghall-ksur ta` xi dritt fondamentali tal-atturi.*

*L-ewwel, ir-raba` u l-hames talbiet attrici, dawn ma jreggux fir-rigward tal-esponenti, tant li huma diretti kontra eccipjenti ohra f`dina l-procedura.*

Rat l-elenku ta` dokumenti.

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2013 fejn il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet illi f`dak l-istadju tal-kawza riedet ssir il-prova u t-trattazzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, kif ukoll tat-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.**

**Rat in-nota li pprezentaw ir-rikorrenti fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2013 fejn cedew l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tal-intimati Michael Spiteri, Carmelo Spiteri, Theresa Darmanin u Charles sive` Carlo Spiteri filwaqt li zammew fermi l-istanza taghhom kontra l-intimati kollha l-ohra.**

Rat il-provi li saru dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, kif ukoll dwar it-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.

**Rat is-sentenza li tat fl-10 ta` April 2014 fejn laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrenti ; fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni tal-avukat Generali, spejjez ghar-rikorrenti, u fejn cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimata Awtorita` tad-djar, b`dan illi l-ispejjez relattivi baqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

Informal

**Rat il-verbal li ghamlet id-difensur ta` l-intimat Daniel Spiteri fl-udjenza tas-17 ta` Gunju 2014 fejn kien dikjarat illi huwa kien ser joqghod mar-rikjesta li saret mill-Awtorita` tad-Djar u kien jaghti lura c-cavetta tal-fond de quo lill-istess Awtorita`.**

**Rat il-verbal li ghamel id-difensur ta` l-Awtorita` tad-Djar fl-istess udjenza fejn kien dikjarat illi kif appena l-Awtorita` tinghata c-cavetta, din kienet ser tinghata lis-sidien tal-fond u titnehha bhala konsegwenza l-ordni ta` rekwizizzjoni.**

**Rat in-nota prezentata fil-11 ta` Mejju 2015 li permezz taghha r-rikorrenti ghamlu cessjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` talbiet, stante li l-Awtorita` tad-Djar kienet sejra troddilhom ic-cavetta tal-fond de quo wara li din giet fil-pussess tal-Awtorita`.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar il-mertu tal-istanza tar-rikorrenti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar illi saru fl-udjenza tal-11 ta` April 2016.

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` April 2016 fejn kien dikjarat illi fid-29 ta` Frar 2016 sar inkontru ghand l-Awtorita` tad-Djar fejn r-rikorrenti hadu in konsenja c-cwievet tal-fond in kwistjoni u taghhom irrilaxxjaw ricevuta.**

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar il-mertu.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>**Provi**</u>

**<u>John Vassallo</u>** (“**<u>ir-rikorrent</u>**”) ipprezenta affidavit.

Informali

Xehed illi martu Mary Fatima Vassallo ("**ir-rikorrenti**") kienet wirtet ¾ indiviz tal-fond 135, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ("**il-fond de quo**") fis-sena 1974 minghand Filomena Zammit.

Ipprezenta d-denunzja tas-successjoni 458/81 ta` Filomena Zammit li mietet fit-28 ta` Gunju 1974, u kif ukoll id-denunzja 637/81 ta` Marietta Zammit li mietet fis-27 ta` Marzu 1939. L-ewwel denunzja tirrigwarda l-wirt li kisbet ir-rikorrenti minghand Filomena Zammit mentri t-tieni denunzja tirrigwarda wirt li akkwistat omm ir-rikorrenti Pauline Caruana minghand Marietta Zammit.

Xehed illi fil-pagni 2778 u 2779 tad-dokumnet ufficjali mahruga mill-Arkivji tan-Nutar tal-Gvern ezebit bhala Dok JMV1, hemm indikat ir-root of title.

Qal illi fis-26 ta` Novembru 1987 mietet Pauline Caruana. Skont l-ahhar testment taghha li sar fil-11 ta` Novembru 1987 fl-atti tan-Nutar George Cassar ir-rikorrenti, li kienet l-unika wild ta` Pauline Caruana, thalliet bhala unika eredi universal ital-istess Pauline Caruana.

Qal illi b`effett mis-26 ta` Novembru 1987, ir-rikorrenti saret is-sid tal-intier tal-fond de quo. Missier ir-rikorrenti, Carmelo Caruana, qatt ma kellu sehem minn dan il-fond.

Kompla xehed illi Carmelo Caruana, li miet fil-5 ta` Frar 1992, qatt ma kien amministratur ta` l-beni tar-rikorrenti.

Qal illi meta harget ir-*requisition order* ("**RO**") Pauline Caruana kienet diga` ilha mejta sentejn.

Stqarr illi hu u r-rikorrenti ma kienux jafu bl-RO. Saru jafu biha minn Spiridione Spiteri fl-2001. Martu ma kinitx tiftah il-posta ta` missierha u ghalhekk r-rimedji ordinarji li seta` kellha biex tissindaka l-att amministrattiv fit-terminu ta` sitt xhur kienu diga` ghaddew meta saru jafu bl-RO.

Spjega li bl-RO qed tolqot il-fond de quo, huma ma setghux jaghmlu kawza fil-Bord li Jirregola l-Kera billi l-Art 44(2) tal-Kap 69 kien jipprojbixxi li jsir dan.

Stqarr illi huma ma kellhomx rimedju ohra ghajr li jintavolaw din il-kawza.

Fisser illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom baqghu jissussistu ghaliex kienu private milli jgawdu l-fond de quo liberament.

Huwa spjega li meta sar l-RO, id-dokumenti relatati kienu nhargu mid-Dipartiment tad-Djar waqt li d-dokumenti li ntbaghtu wara l-RO nhargu fl-isem tal-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali.

Insista illi huma ma rcivew l-ebda risposta ghall-ittra ufficjali taghhom ta` l-1 ta` Ottubru 2009.

Il-**<u>kontroezami</u>** tar-rikorrent sar fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2013.

Xehed illi huwa l-amministratur tal-fond de quo.

Qal illi huma zzewgu fl-1987. Fl-1989 kienu jirrisjedu ma` Carmelo Caruana fil-fond 77 Tarxien Road, Tarxien, ghalkemm kellhom dar taghhom ukoll.

Sahaq illi ma jiftakarx li waslet ghandhom xi ittra minghand il-Housing. Ma` Carmelo Caruana huma qatt ma tkellmu dwar il-fond de quo.

Qal illi saru jafu bl-RO meta Daniel Spiteri u missieru marru ghandhom. Marru jkellmuhom ghaliex riedu jghaddu l-fond de quo lil certu Oliver Mallia. Kif qed jitkellmu ssemmiet l-RO.

Kompla jixhed illi ghamel verifiki u sar jaf li kien hemm protective RO fis-sens li din saret biex jipprotegu l-persuna li kienet qeghda toqghod fil-

Informali

post. Meta avza li c-cens kien ser jaghlaq, kien infurmat li ma seta` jsir ebda ftehim gdid minghajr ftehim mad-dipartiment. Fil-fatt ic-cens ghalaq fl-2001.

Qal illi mar fil-fond de quo u sab illi ma kienx abitabbli ghaliex kien fi stat ta` abbandun.

Ikkonferma illi l-RO harget fl-isem ta` Carmelo Spiteri li jigi missier Spiridione Spiteri u n-nannu ta` Daniel Spiteri.

Ikkonferma illi l-kawza tal-lum saret peress illi l-RO mhijiex valida ghax ma saritx in-notifika kif suppost u ghaliex Daniel Spiteri kien minorenni meta nharget l-allokazzjoni favur tieghu. Saret ukoll ghaliex id-dar kienet abbandunata totalment. Saru alterazzjonijiet minghajr l-approvazzjoni taghhom u minghajr permessi tal-MEPA, tant li din tal-ahhar harget ordni ta` nfurzar.

**Ir-rikorrenti** wkoll ipprezentat affidavit.

Ikkonfermat il-kontenut tal-affidavit ta` zewgha.

B`zieda ma` li xehed zewgha, ir-rikorrenti gharfet il-firma taghha fuq Dok CH2 izda tghid illi ma kinitx taf il-kontenut ta` d-dokument.

Sahqet illi bhala sid tal-fond de quo hija qatt ma rceviet l-RO peress li d-dokumenti ezebit bhala CH1, CH2, JMV 3 u JMV 4 kienu kollha dokumenti indirizzati lil missierha Carmelo Caruana. Missierha qatt ma qalilha xejn dwar din l-RO. Meta harget l-RO, hija kienet diga` s-sid tal-fond de quo u kienet diga` mizzewga.

**Carmen Azzopardi** mill-Awtorita` tad-Djar xehdet *viva voce* fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2013.

Xehdet illi hija tiehu hsieb is-sezzjoni legali ta` l-Awtorita` tad-Djar.

Informali

Stqarret illi l-RO kienu responsabilita` tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali izda fl-ahhar tal-2007, l-Awtorita` tad-Djar assorbiet il-funzjonijiet li kellu d-Direttur ta` l-Akkomodazzjoni Socjali abbazi tal-Art 24(1) tal-Kap 261. Ic-Chairman tal-Awtorita` dahal fir-responsabilitajiet li kellu d-Direttur.

Qalet illi l-Awtorita` tad-Djar hija awtonoma u tiddeciedi hi dwar ordnijiet ta` rekwizizzjoni.

Ipprezentat l-RO in kwistjoni li harget fuq Carmelo Caruana, kif ukoll ir-riferta ta` meta giet notifikata l-RO, minn fejn jirrizulta li r-riferta kienet iffirmata mir-rikorrenti. Iggib id-data tas-17 ta` Novembru 1989. Wara l-RO, ma saret l-ebda kawza mis-sidien hlief il-kawza tal-lum.

**Carmen Azzopardi** kompliet tixhed fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015.

Ikkonfermat illi l-fatt li l-allokazzjoni tal-fond rekwizizzjonat saret favur Daniel Spiteri li dak iz-zmien kien ghadu minorenni ma kienx ihassar il-validita` tal-allokazzjoni. Id-decizjoni dwar jekk kienx hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi rekwizizzjonat il-post kienet issir minn bord. Hija qatt ma dahlet fi kwistjonijiet ta` interess pubbliku. Meta l-post kien allokat lil Daniel Spiteri, kien huwa li ffirma. Ma tafx jekk dak iz-zmien Daniel Spiteri kienx emancipat fil-kummerc inkella le.

**Perit Mariello Spiteri** xehed *viva voce* fl-udjenza ta` l-14 ta` Ottubru 2014.

Muri d-dokument a fol 26 tal-process immarkat bhala Dok JMV 13 ikkonferma li dak kien rapport li hejja hu. Ikkonferma l-kontenut tar-rapport kif ukoll ir-ritratti a fol 23 sa 25 li hadhom huwa stess.

**Daniel Spiteri** xehed fl-udjenza ta` l-14 ta` Lulju 2015.

Xehed illi fil-fond de quo kienu jirrisjedu Rosemary u Paul konjugi Deguara. Rosemary Deguara tigi t-tifla ta` Carmelo Spiteri. Ic-cens kien jithallas minn Carmelo Spiteri. Kienu dahlu fil-post ghal habta tal-

1984/1985. Baqghu hemm sakemm il-Housing talab ic-cwievet. Dawn inghataw fis-17 ta` Ottubru 1990.

Xehed illi ma kienx jaf bl-ezatt meta telqu mill-post, izda dan kien madwar sena qabel ma hu ha c-cwievet.

Kompla jghid illi meta nghata c-cwievet, huwa kellu 16-il sena u 11-il xahar u kien bil-hsieb li jizzewweg ghalkemm kien ghadu l-iskola.

Huwa spjega li meta kien baghat chequest bil-hlas tal-kera, dawn qatt ma ssarrfu.

Qal illi fl-2009 huwa kien jghix fil-fond de quo.

Qal illi huwa qatt ma ra r-rapport tal-Perit Mariello Spiteri. Ikkonferma illi fir-rigward tal-post kien hemm *enforcement notice* biex jinghalaq il-garage li kien sar mill-persuni li kellhom il-post qabel. L-avviz ta` nfurzar hareg fuq ismu ghax huwa kien fil-post meta hareg.

Huwa sostna li l-garage inghalaq bil-bricks. Qal illi ma jafx jekk kienx ghad hemm l-enforcement notice.

Insista li meta huwa halla l-post dan kien abitabbli. Huwa kien ha l-post fi stat dizastruz u hallieh fi stat tajjeb.

**<u>Daniel Spiteri</u>** kompla jixhed fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015.

Ikkonferma illi l-firma fuq Dok CA1 kienet tieghu.

Huwa cahad li kien applika biex jiehu l-pussess ta` l-fon de quo. Spjega li n-nannu tieghu Carmelo Spiteri kellu c-cens originali u huwa ried il-kumplament tac-cens ; kien infurmat li kien mehtieg li huwa jidhol fil-pussess ta` l-post. Fil-fatt huwa dahal fil-post meta c-cens favur Carmelo Spiteri kien ghadu ghaddej. Il-post kien gie rekwizizzjonat mill-Housing waqt

Informali

li c-cens a favur Carmelo Spiteri kien ghadu ghaddej. Ghall-bidu huwa kien ihallas liz-ziju, izda imbaghad wara li miet in-nannu, u anke wara li spicca c-cens, huwa kien jibghat il-hlas b`cheque lir-rikorrenti izda dawn ma kinux issarrfu. In-numru tal-karita` l-identita` tieghu huwa 498573.

Spjega li n-nannu tieghu hareg mill-post ghaliex kien ghalaq ic-cens, u meta huwa kien diga` fil-post. Meta dahal hu fil-post, in-nannu tieghu kien ghadu hemm. Huwa spjega li mar jghix fil-post wara li ffirma u nghata c-cwievet. Ippreciza li mbaghad in-nannu tieghu mar ighix faccata fid-dar tieghu 453, St Paul`s Street, St Paul`s Bay. Il-Housing kienu infurmawh li kellu jhallas lil Carmelo Spiteri mhux lir-rikorrenti.

Fil-**<u>kontroezami</u>** stqarr illi qabel dahal hu fil-fond de quo, kien ghamel zmien vojt ; kemm ma setax ighid. Qabel thalla vojta, il-post kien okkupat miz-zijiet tieghu konjugi Deguara.

**<u>Spiridione Spiteri</u>** xehed viva voce fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2015.

Xehed illi Tereza, Rosemary u Michael huma hutu. Paul Deguara jigi r-ragel ta` ohtu Rosemary. Carmelo Spiteri kien missieru.

Qal illi l-fond de quo kien ghand missieru b`cens. Kienet tghix fil-post ohtu Rosemary u zewgha.

Fisser illi c-cwievet tpoggew il-Housing u d-dar giet rekwizizzjonata bil-konsegwenza li missieru nkwieta hafna.

Spjega li huwa kien wassal lil missieru il-Housing u kien inghata parir li c-cavetta tista` tinghata biss lill-qraba l-aktar vicini. Peress illi huwa diga` kellu fejn joqghod, kien maghzul ibnu Daniel li seta` jiehu c-cwievet. Fil-fatt Daniel ha c-cwievet. Huwa u Daniel ghamlu xogholijiet fil-post sabiex dan isir abitabbli.

Informali

Huwa xehed illi ma jafx jekk il-Housing tatx ic-cwievet lil haddiehor qabel ghaddiethom lil Daniel. Huwa kkonferma li sa l-2013, ibnu kien ghadu jghix fil-post. Ic-cwievet nghataw lura lil Awtorita.

Fil-**kontroezami,** xehed illi missieru kellu cens ta` l-post izda ma kienx joqghod fih. Jaf illi qabel ohtu, kien hemm xi hadd iehor joqghod hemm. Qal illi ma jiftakarx meta kienu telqu mill-post Rosemary u zewgha. Kienu ghaddew madwar sentejn bejn meta Paul Deguara ta c-cwievet lil Housing sakemm inghataw lil Daniel Spiteri. Fl-1989 ohtu kienettghix fil-post. Iltaqa` mar-rikorrent meta mar id-dar tieghu biex ihallas il-kera ghan-nom ta` Daniel. Il-hlas offrut kien rifjutat.

Kompla jixhed illi ma jiftakarx kif ic-cavetta spiccat ghand l-Awtorita` tad-Djar. Lanqas ma jafx kif kien l-istat tal-post meta kien ghand ohtu peress li ma kienx jidhol fil-post. Pero` meta spicca dahal il-kundizzjoni kienet mhux hazina. Jaf illi Deguara huwa persuna li jiehu interess fid-dar u jmidd idejh ghax-xoghol. Daniel kien jghix fil-post izda hu qatt ma ghex hemm.

**Mario Magro** mill-Awtorita` tad-Djar ipprezenta affidavit.

Huwa xehed illi fl-14 ta` Novembru 1989 saret RO bin-nru 5223 fuq il-fond de quo. L-avviz tar-rekwizizzjoni sar lil Carmelo Caruana u lil Paul Deguara. Il-fond de quo kien soggett ghal cens annwu u temporanju ta` Lm 70 fis-sena. Il-kuntratt sar fid-19 ta` Marzu 1981 u kien jaghlaq fl-2002. Il-kuntratt kien sar bejn Carmel Spiteri u s-sidien ; fost dawn kien hemm ir-rikorrenti. Din accettat in-notifika ta` rekwizizzjoni skont Dok CA1 u CA2 fl-1989. Minn dakinhar sal-2001 Mary Fatima Vassallo qatt ma avvicinat lill-Awtorita` tad-Djar jew lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali sabiex titlob informazzjoni. Fir-rikors promotur, hija tghid li saret taf bl-RO meta Spiridione Spiteri li jigi iben Carmel Spiteri avza lis-sidien fl-2001 li xtaq jikkonverti c-cens temporanju ghal cens temporanju gdid favur certu Oliver Mallia.

Kompla jixhed illi fil-mori tal-kawza kienu saru diversi tentattivi bejn l-Awtorita` tad-Djar u r-rikorrenti sabiex jaslu fi ftehim bonarju. Il-fond de quo kien battal billi c-cwievet gew ritornati minn Daniel Spiteri fil-31 ta` Lulju 2014. Il-fond de quo kien wkoll direkwizizzjonata fis-27 ta` Awissu 2014. Fis-17 ta` Ottubru 2014, l-Awtorita` tad-Djar permezz ta` posta elettronika infurmat lill-avukat tar-rikorrenti li kienet lesta li tghaddi l-

Informal

pussess vakanti tal-proprjeta lura lis-sidien. Ma kien hemm l-ebda sinjal min-naha ta` sidien izda sussegwentmenet kienu lesti biex jaccettaw ic-cwievet lura. Daniel Spiteri li kien l-ahhar okkupant tal-fond de quo u jaghmel depoziti fil-qorti. Il-kontijiet tas-servizzi thallsu mill-Awtorita` tad-Djar u li s-sidien ghamlu access fil-post fit-22 ta` Jannar 2015.

**<u>Mario Magro</u>** xehed ukoll *viva voce* fl-udjenza tat-23 ta` Frar 2016.

Xehed illi huwa kien baghat ittra lir-rikorrenti dwar il-konsenja tac-cwievet. L-offerta tac-cwievet saret ukoll verbalment f` diversi okkazjonijiet fil-mori tal-kawza. Qal illi fis-snin tmenin u san-nofs tas-snin disghin, min kien jiehu sussidju, kellu l-obbligu li fil-kaz li jkun bil-kera jaghti c-cwievet lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali. Fil-kaz li l-persuna tkun tokkupa l-post b`mera tolleranza jew kien semplici kerrej, kienet tintalab ic-cavetta xorta u tinhareg RO. Jekk ir-rikorrenti jigbru c-cavetta, huma kienu jridu jiffirmaw dokument dwar kemm-il cavetta tkun qed jinghata, l-indirizz tal-post, u jinqalbu l-meters tad-dawl u tal-ilma.

Huwa kkonferma id-dokument a fol 126 fejn jirrizulta li l-ordni ta` rekwizizzjoni harget ukoll lil Carmelo Spiteri billi kien ic-censwalista.

**<u>Perit Alistair Avallone</u>** pprezenta affidavit.

Xehed li huwa kien inkarikat mill-Awtorita` tad-Djar sabiex jaghmel stima tan-nefqa li kien hemm bzonn sabiex jigu rimedjati l-kontravenzjonijiet konnessi mal-permess tal-MEPA relattiv ghall-fond de quo, u sabiex issir riparazzjoni u manutenzjoni tal-istess fond.

Ipprezenta l-istima u r-rapport tieghu u kkonferma l-kontenut tal-istess.

**<u>Paul Deguara</u>** xehed viva voce fl-udjenza tat-23 ta` Frar 2016.

Xehed illi ghamel zmien jirrisjedi fil-fond de quo sakemm irranga l-post tieghu. Missier il-mara tieghu Carmelo Spiteri tah ic-cavetta. Damu

Informali

jghixu fil-fond de quo ghal madwar sentejn jew tlieta. Qabilhom il-post kien ghand nies ohra.

Qal illi Carmelo Spiteri kien jikri l-post lin-nies.

Wera lill-Qorti serje ta` ritratti tal-familja tieghu meta kienu jghixu fil-fond de quo. Ghamel dan sabiex juri li l-post kien mizmum tajjeb u abitabbli.

Stqarr illi kien ilu li telaq mill-fond de quo ghal madwar sitta u ghoxrin sena.

Spjega li Carmelo Spiteri kien qallu li rcieva avviz minghand il-Housing sabiex jaghtihom ic-cavetta. Fil-fatt huwa stess wassal lil Carmel Spiteri l-Housing u nfurmahom li malli bintu Rosemary u hu jlestu x-xogholijiet fid-dar taghhom kien ser jaghtihom ic-cavetta. Meta lestew minn kollox, hu stess bic-cavetta ghand il-Housing. Imbaghad sar jaf li l-post kien hadu n-neputi Daniel Spiteri.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-post tieghu kien akkwistah minghand il-privat bi skema ta` ghajnuna u sussidju minghand l-Awtorita`.

## III. Osservazzjoni tal-bidu

**Una volta li, kif kien rilevat aktar kmieni, ir-rikorrenti fil-mori ta` dan il-procediment irtiraw it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet, allura li jonqos li jigu decizi huma l-ewwel (1) u l-hames talbiet attrici u ghalhekk, dak li fadal jigi trattat huma l-ewwel (1) u l-hames (5) talbiet.**

**Tajjeb jigi rammentat illi ukoll fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti rtiraw ukoll it-talbiet taghhom fil-konfront tal-intimati (1) Michael Spiteri, (2) Carmelo sive Charles Spiteri, (3) Theresa Darmanin u (4) u Charles sive Carlo Spiteri.**

Informali

**Tajjeb jitfakkar ukoll illi effett tas-sentenza li tat fl-10 ta` April 2014, l-Avukat Generali kien liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

## IV. L-ewwel (1) u l-hames (5) talbiet

Fl-ewwel talba, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex :-

*Tiddikjara li bir-rekwizizzjoni 5223 mahrugin fl-14 ta` Novembru 1989 u tat-22 ta` Dicembru 1990 mid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali (illum l-Awtorita` tad-Djar) gew vjolati d-drittijiet fondamentali ta` l-atturi kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u/jew skond l-artikolu 37(1) tal-Kositutzzjoni ta` Malta.*

Fil-hames talba, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex :-

*Tillikwida kull kumpens xieraq lilhom dovut ghas-snin li ilhom imcahhda mit-tgawdija ta` hwejjighom minghajr kumpens xieraq rizultat tal-okkupazzjoni kontinwa furzata tal-fond kif fuq imsemmi u tal-hsara u danni kagunata lilhom, b`konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom kif fuq inghad.*

## V. L-ewwel eccezzjoni ta` l-Awtorita` tad-Djar

Kien eccepit illi r-rikorrenti kellhom jaghmlu l-prova tat-titolu taghhom, u kellhom jaghtu d-data ezatta meta saru sidien ta` l-fond de quo.

Il-Qorti taghmel riferenza ghad-deposizzjoni tar-rikorrenti li riassunt taghha kien riportat aktar kmieni.

In sostenn ta` dik ix-xiehda, ir-rikorrenti ressqu bhala prova dawn id-dokumenti :-

(a) Kuntratt ta` cens temporanju li sar minn Pauline Caruana u Mary Fatima Vassallo a favur ta` Carmelo Spiteri (Dok JMV1) mnejn tirrizulta kkonfermata l-provenjenza ta` t-titolu ;

Informali

(b) Denunzja tas-successjoni ta` Filomena Zammit li mietet fit-28 ta` Gunju 1974 (Dok A) ;

(c) Denunzja tas-successjoni ta` Marietta Zammit li mietet fis-27 ta` Marzu 1939 (Dok B) ;

(d) Certifikat tal-mewt ta` Pauline Caruana li mietet fis-26 ta` Novembru 1987 (Dok JMV 26) ;

(e) Testment ta` Pauline Caruana li sar fil-11 ta` Novembru 1987 fl-atti tan-Nutar Dotor George Cassar (Dok JMV 27) ;

(f) Ricerki testamentarji ta` Pauline Caruana (Dok JMV 28 sa JMV 30).

Abbazi tax-xiehda u tad-dokumenti, jirrizulta ppruvat illi Mary Fatima Vassallo saret wahedha proprjetarja tal-fond de quo fis-26 ta` Novembru 1987, u allura qabel il-hrug tal-RO.

Kontra din l-evidenza, l-Awtorita` tad-Djar ma ressqet l-ebda prova kontrastanti. Anzi ghamlet il-maqlub ghaliex fil-mori tal-kawza, ikkonsenjat lir-rikorrenti c-cwievet tal-fond de quo.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

## VI. <u>L-ewwel talba</u>

### 1. <u>It-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar</u>

It-tielet eccezzjoni tolqot il-fondatezza tal-ewwel talba.

L-Awtorita` tad-Djar teccepixxi illi mhux minnu li r-rikorrenti ma kinux mgharrfa bil-hrug tal-RO peress li din l-ordni ntbaghtet lil missier Mary Fatima Vassallo, ossija Carmelo Caruana.

Informali

Mill-provi rrizulta li effettivament dak iz-zmien tal-hrug ta` din l-ordni ta` rekwizizzjoni, ir-rikorrenti kienu jirrisjedu flimkien ma` Carmelo Caruana. Irrizulta wkoll illi r-ricevuta postali tan-notifika ta` l-ordni ta` rekwizizzjoni kienet iffirmata minn Mary Fatima Vassallo (Dok CA1 u CA2). Dan il-fatt mhux kontradett mir-rikorrenti izda t-tnejn sahqu li minkejja li kienet iffirmata n-notifika, dak ma jfissirx li Mary Fatima Vassallo hadet konjizzjoni tal-kontenut tal-ittra li kienet indirizzata lil missierha Carmelo Caruana. Ir-rikorrenti jinsistu li huma qatt ma fethu korrispondenza ta` Carmelo Caruana, illi dan ma kienx infurmahom bl-ordni ta` rekwizizzjoni, u li saru jafu biss fl-2001 meta marru jitkellmu maghhom Spiridione u Daniel Spiteri.

Il-Qorti ma tantx bil-wisq taccetta l-verzjoni illi r-rikorrenti ma kinux jafu bl-ordni ta` rekwizizzjoni dak iz-zmien li kienet notifikata, aktar u aktar meta jitqies illi kienu jghixu flimkien ma` Carmelo Caruana li effettivament ircieva l-avviz ta` l-ordni ta` rekwizizzjoni, u sahansitra Mary Fatima Vassallo ffirmat ghall-ittra. Carmelo Caruana kien jaf illi l-post kien proprjeta` ta` l-unika bintu li kienet tghix mieghu, u li allura ghaliex ma kellux x`jaqsam hu diretament mal-post, il-buon sens – biex ma tghidx l-obbligu – kien jiddetta li jekk huwa ma kienx se jaghmel xejn dwar il-kontenut tal-avviz kien almenu jirreferi kollox lil bintu.

Il-Qorti hija aktar propensa li taccetta illi ladarba dak iz-zmien kien ghadu ma ghalaqx ic-cens temporanju, ir-rikorrenti u missierha ma qeghdux bhala prijorita` taghhom dak li kien qed isiru bil-fond de quo. Irrizulta nfatti li c-cens kien fadallu snin biex jaghlaq. Minn qari tal-kuntratt Dok JMV1 a fol 137 et seq tal-process, jirrizulta li z-zmien tac-cens li kien ta` 21 sena kien beda jiddekorri mill-1 ta` Marzu 1981. Ghalhekk mhux eskluz illi meta saret l-ordni ta` rekwizizzjoni, l-iskadenza ta` l-1 ta` Marzu 2002 kienet tidher ghadha wisq `il boghod biex tittiehed azzjoni *a tempo vergine*. Ghaz-zmien ta` bejn il-hrug ta` l-ordni tar-rekwizizzjoni u t-tmiem ta` l-enfitewsi, ma jistax jinghad li l-ordni ta` rekwizizzjoni kienet ser taffettwa l-uzu ta` l-post mir-rikorrenti peress li l-*utile dominium* ta` l-post anke minghajr l-RO ma kienx tar-rikorrenti.

Dan premess, il-fatt jew le ta` jekk ir-rikorrenti kinux jafu sa miz-zmien tal-hrug bl-ordni ta` rekwizizzjoni ma tantx jista` jassisiti lill-Awtorita` tad-Djar jew lir-rikorrenti.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li bejn l-2001 u l-2002, ir-rikorrenti naqsu milli jiehdu passi biex jimpunjaw l-ordni ta` rekwizizzjoni, u ma hadu ebda proceduri quddiem il-qrati jew tribunali ordinarji sabiex javvallaw il-pretensjonijiet taghhom.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

**2. <u>Ir-raba` eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar</u>**

L-Awtorita` teccepixxi illi l-fatt li l-allokazzjoni tal-fond de quo saret favur Daniel Spiteri, li dak iz-zmien kien ghadu minuri, la jxejjen u lanqas johnoq is-siwi tal-allokazzjoni.

Irrizulta mix-xiehda ta` Daniel Spiteri li verament kellu biss 16-il sena u hdax –il xahar meta nghata l-post b`kera. Xehed illi huwa kien jutilizza l-post biex joqghod fih, sakemm radd ic-cwievet lura lill-Awtorita` tad-Djar.

Il-Qorti ma tarax li ghandha tindaga il-validita` ommeno ta` l-RO peress li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex illi l-RO hija nulla u bla effett izda illi l-ordni ta` rekwizizzjoni kienet leziva ghad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

Dan premess, in parentesi, il-Qorti tghid illi l-fatt li Daniel Spiteri kien minuri dak iz-zmien ma jirrendix nulla jew bla effett l-RO. Skont il-ligi taghna, l-inkapacita` minhabba li parti tkun minuri, interdetta jew inabilitata jew dawk kollha li l-ligi timpedihom minn xi kuntratti (Art 967 tal-Kap 16) u wkoll min m`ghandux l-uzu tar-raguni (Art 968 tal-Kap 16) ma jaghtix lok ghall-inezistenza tal-kuntratt imma ghall-annullabilita`. Dan ifisser li n-nullita` hi wahda relattiva, in kwantu tista` biss tigi eccepita mill-parti inkapaci ghaliex giet stabbilita biss ghall-beneficcju tal-inkapaci. B`hekk jidher li l-legislatur ried li jaghti biss protezzjoni lill-inkapaci

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` r-raba` eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

**3. <u>Il-hames eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar</u>**

Kienet eccepita l-improponibilta` ta` l-Art 37(1) tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti tirritjeni li l-Art 37(1) tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli ghaliex fil-kawza tal-lum ma kienx hemm tehid ta` proprjeta` izda semmai kien hemm kontroll fl-uzu tal-proprjeta`.

Huwa pacifiku illi sabiex ikun hemm lezjoni tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni jridu jissussistu tlett elementi :-

i) it-tehid forzuz tal-proprjeta` ;
ii) il-kumpens offrut ma jkunx xieraq ; u
iii) il-mankanza ta` access lill-Qorti.

Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` Mejju 2006 fil-kawza "**Amato Gauci vs Avukat Generali**" kien ribadit illi :- inqal li l-elementi essenzjali applikabbli huma:

> *Biex japplika l-principju ta` tehid forzuz wiehed irid jara jekk ittehditx proprjeta` b` mod li s-sid originali jigi zvestit minn kull dritt li ghandu fuq il-proprjeta`. It-tehid jimplika l-isvestiment ta` persuna minn kull dritt li ghandha fuq il-propjeta` ….*
>
> *Il-kaz huwa ta` privazzjoni ta` tgawdija u mhux ta` tehid ta` proprjeta` u ma jaqax fl-orbita tal-artikolu 37 (ara : **Nazzareno Galea vs Giuseppe Briffa** – Qorti Kostituzzjonali 30/11/2001).*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti baqghet is-sid u ghalhekk ma tistax tghid li l-proprjeta` ttiehdet minnha.

L-Art 37 tal-Kostituzzjoni japplika biss meta jkun hemm tehid totali tal-proprjeta` u mhux meta jkun hemm indhil, kontroll jew limitazzjoni (ara : **Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Frar 2011 ; **Bugeja et vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta` Dicembru 2009 ; u **Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-11 ta` Ottobru 2011.

Fis-sentenza tal-ahhar inghad illi "*każ ta` kontroll ta` użu ta` proprjetà, bħalma huwa l-każ in eżami, ma jaqax entro l-parametri u konsegwentement il-protezzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, iżda se mai jista` jaqa` entro l-parametri u taħt il-protezzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja*".

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa`</u> l-hames eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

**4. <u>Is-sitt eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar</u>**

Informali

Kien eccepit illi skont il-proviso ta` l-Art 1 tal-Prot 1 tal-Konvenzjoni, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa sabiex jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` skont l-interessi generali, u li l-Istat ghandu diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x`inhu mehtieg fl-interess generali.

L-Art tal-Prot 1 tal-Konvenzjoni jghid :-

*"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.*

*"The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

Dwar din id-disposizzjoni, kien ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-24 ta` Settembru 2009 fil-kawza "**<u>Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" illi jissussistu tlett regoli distinti :–

i) li hemm enuncjazzjoni generali li kulhadd ghandu jirrispetta dritt ta` proprjeta` ta` haddiehor ;

ii) il-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kundizzjonijiet ben definiti ; u

iii) l-Istat ghandu l-poter jew id-dritt li jirregola l-uzu tal-beni

in konformita` mal-interess generali.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-ECHR tad-19 ta` Gunju 2006 fil-kawza **"<u>Hutten-Czapska vs Poland</u>"** fejn kienu enuncjati tlett elementi li jridu jkunu sodisfatti sabiex titqies bhala permissibbli l-interferenza tal-Istat :-

i) li l-mizura li jiehu l-Istat tkun saret f`qafas legali ;

ii) li l-iskop tal-mizura kien ghal skop legittimu ; u

iii) li din l-mizura zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Hija ben definita l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni mill-ECHR u mill-Qrati tal-Istati Membri tal-Konvenzjoni illi sabiex it-tehid ta` proprjeta` da parti tal-awtoritajiet tista` titqies gustifikata, irid ikun hemm qafas legali, il-htiega ta` interess pubbliku u mbaghad il-kumpens ikun xieraq u proporzjonat.

Fil-kaz tal-lum, **<u>l-ewwel element huwa sodisfatt</u>** ghar-raguni li l-mizuri sabiex jipprotegu l-inkwilinat jirrizultaw mil-ligi.

**<u>Dwar it-tieni element</u>**, l-Awtorita` tad-Djar tirreferi ghad-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta` **<u>Edwards vs Malta</u>** tal-24 ta` Ottubru 2006.

Bhal din id-decizjoni, il-Qorti tista` taghmel referenza ghal sentenzi ohrajn li nghataw fuq l-istess linja : u cioe` "**<u>Strickland noe vs Onorevoli Prim Ministru et</u>**" : Qorti Kostituzzjonali : 14 ta` Lulju 2008 ; "**<u>James and Others vs United Kingdom</u>"** : ECHR : 21 ta` Frar 1986 ; **"<u>Mellacher et vs Austria</u>"** : ECHR : 19 ta` Dicembru 1989 ; **"<u>Sporrong and others vs Sweden</u>"** : ECHR : 29 ta` Gunju 1982 ; u **"<u>Zammit vs Malta</u>**" : ECHR : 12 ta` Jannar 1991).

Dak li hareg minn din il-gurisprudenza huwa li d-disposizzjonijiet relatati mal-ligi tar-rekwizizzjoni kienu kollha ntizi sabiex ikun hemm

Informali

provvista u tqassim xieraq ta` akkomodazzjoni ghal min hu nieqes minnha ghal ragunijiet finanzjarji u socjali.

Fil-kaz ta` "**<u>Grech et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et</u>**" deciz fis-7 ta` Dicembru 2010 il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi :-

> *"L-interess pubbliku qatt ma jista` jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess hu dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, tal-universalita` tal-pubbliku fl-Istat, u dan ghaliex jekk ma jigix precizat sew il-kuncett ta` interess pubbliku, dan jista` jintuza biex jimmina d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea."*

Din il-Qorti taf bil-principju li *fl-implimentazzjoni ta` policies ta` natura socjo-ekonomika, il-margini ta` apprezzament moghtija lill-Istat huma wiesgha hafna.*

Madankollu – kif tajjeb inghad mill-Qorti Kostituzzjonali - fis-sentenza **<u>Amato Gauci et vs Avukat Generali et</u>** (op. cit.), wiesgha kemm hu wiesgha l-margini ta` apprezzament li ghandu l-Istat (fuq il-livell internazzjonali meta si tratta ta` sentenza tal-ECHR) jew il-Legislatura u l-Ezekuttiv (fuq il-livell domestiku, meta si tratta ta` allegazzjoni quddiem il-Qrati Maltin ta` vjolazzjoni ta` xi dritt fondamentali) hija dejjem il-Qorti li fil-kompetenza kostituzzjonali taghha trid finalment tiddetermina mhux biss jekk hemmx l-iskop *prima facie* legittimu, izda jekk, fil-kaz konkret, intlahaqx fil-konfront tar-rikorrent dak il-bilanc gust bejn l-interess generali u l-interess tal-privat. Fi kliem iehor, irid jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta` ligi li hija maghmula *prima facie* "skond l-interess generali" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita`.

**Fil-kaz tal-lum mhijiex qeghda tkun attakkata l-ligi ta` r-rekwizizzjoni izda hija l-ordni ta` rekwizizzjoni partikolari li qed issir lment dwarha fis-sens li hija leziva tad-dritt fondamentali tutelat bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.**

Ghalhekk f`dan l-ambitu jrid jigi analizzat jekk l-ordni ta` rekwizizzjoni kinitx verament intiza biex tforni akkomodazzjoni ghal min hu nieqes minnha ghal ragunijiet finanzjarji u socjali.

Informali

Fil-kaz tal-lum irrizulta ppruvat illi Daniel Spiteri nghata l-fond de quo mhux ghax ghamel talba appozita izda ghaliex in-nannu tieghu Carmelo Spiteri kien inkwietat hafna li kien ser jittiehed minnu l-pussess li kellu ta` l-post; ghalhekk kien issuggerit lilu li jidhol minfloku *next of kin* li nserta li kien Daniel Spiteri, li incidentalment kellu 16 –il sena u hdax-il xahar.

Quddiem din il-Qorti, ma tressqet l-ebda prova li Daniel Spiteri kellu bzonn ta` post fejn joqghod ghal rasu.

Irrizulta nfatti li dan kien ghadu jghix mal-genituri tieghu u kien ghadu jistudja. Xehed li kellu gharusa izda ma kienx ghadu wasal fl-istadju li jizzewweg.

Ma tressqitx il-prova li Daniel Spiteri kellu bzonn partikolari ta` ghajnuna ghall-akkomodazzjoni socjali. Jidher anke mix-xiehda ta` Daniel Spiteri u ta` Spiridione Spiteri, li l-RO u l-allokazzjoni favur Daniel Spiteri sehhet sabiex il-pussess li kellu Carmelo Spiteri ma jmurx fix-xejn ladarba c-cens temporanju ma kienx ghadu ghalaq.

Irrizulta li d-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali kien dahal fil-kwistjoni meta Paul Deguara kien applika ghal skema ta` sussidju meta kien qed jirranga d-dar tieghu u rrizulta li dan kien qed jokkupa l-fond de quo. Ghalhekk abbazi tal-iskema Deguara kellu jaghti lura c-cwievet u l-post kien rekwizizzjonat. Kien ghalhekk li wara insistenza ta` Carmelo Spiteri, il-fond de quo kien allokat lil Daniel Spiteri.

**Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti assolutament ma tarax li l-ordni ta` rekwizizzjoni harget fl-interess pubbliku.**

**Jidher mill-provi li l-intenzjoni kienet li jigi assistit Carmelo Spiteri fl-interess privat u personali tieghu illi din id-dar tibqa` b` xi mod fil-kontroll tieghu.**

**L-Awtorita` tad-Djar ma ressqet l-ebda prova dwar kif il-fond de quo kien allokat lil Daniel Spiteri u l-kriterji li ntuzaw sabiex jigi determinat li kien fl-interess pubbliku illi dan il-fond jibqa` rekwizizzjonat u jigi moghti lil Daniel Spiteri.**

Informali

**Il-Qorti tishaq illi ordni ta` rekwizizzjoni kellha tohrog biss skont il-ligi ta` dak iz-zmien fl-interess pubbliku jew biex jigi assikurat tqassim xieraq ta` djar ta` abitazzjoni. Mhux l-iskop ta` RO li jitharsu d-drittijiet personali.**

**Dan premess, il-Qorti tghid illi mhijiex sodisfatta li kien ippruvat it-tieni element rikjest.**

Ghalhekk ikun inutli li ssir analizi tat-tielet element, peress li t-tlett elementi huma kumulattivi (mhux alternattivi) u allura jridu jkunu ppruvati kollha sabiex l-interferenza tal-Istat tkun tista` titqies permissibbli fir-rigward tad-dritt ta` proprjeta` tar-rikorrenti.

F`dan is-sens kienet l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fil-25 ta` Mejju 2012 fil-kawza **Josephine Mary Vella vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et,** meta sostniet :-

> *"Din il-Qorti tosserva li jekk l-Ewwel Qorti sabet li r-rekwizizzjoni ma hargitx fl-interess pubbliku, hi ma kelliex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta` proporzjon u kumpens billi l-ghan ma kienx legittimu u r-rekwizzjoni harget kontra l-ligi."*

**Ghalhekk qeghda tichad is-sitt eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

**In vista tal-premess, il-Qorti sejra tilqa` l-ewwel talba limitatament billi ssib li kien hemm vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.**

**VII. Is-seba` eccezzjoni ta` l-Awtorita` tad-Djar**

**Din l-eccezzjoni tolqot direttament it-tieni talba.**

**Ladarba t-tieni talba kienet irtirata, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` eccezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar.**

## VIII. <u>Il-hames talba</u>

**Ladarba sabet vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, il-Qorti sejra tqis il-hames domanda ghall-fini ta` *just satisfaction* skont l-Art 41 tal-Konvenzjoni.**

Fil-hames domanda, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni ta` kumpens xieraq ghas-snin li kienu ilhom imcahhda mit-tgawdija ta` hwejjighom minghajr kumpens xieraq rizultat tal-okkupazzjoni kontinwa u furzata tal-fond, kif ukoll tal-hsara u danni kagunata lilhom b` konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom.

Tajjeb jinghad illi l-iskop ta` procediment kostituzzjonali u konvenzjonali mhuwiex sabiex jinkiseb *risarciment ghal danni* li jistghu jigu reklamati pemezz ta` kawza quddiem il-qrati ordinarji, ghaliex procediment ta` din ix-xorta huwa ta` natura straordinarja.

Il-*just satisfaction* li tigi akkordata skont l-Art 41 tal-Konvenzjoni trid tkun marbuta mal-vjolazzjoni ppruvata ta` jeddijiet fondamentali.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Mejju 2012 fil-kawza **<u>Josephine Mary Vella vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et</u>** fejn inghad hekk :-

> *"L-appellata ssottomettiet ukoll li gew kawzati danni fil-kazin li ddeprezzaw il-valur tal-fond. Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni m`hijiex allaccjata ma` l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqhom hija qed tibbaza l-azzjoni taghha (f` dan il-kaz, l-artikolu mqajjem kien l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-artikolu 1 tal-ewwel Protokol). Il-kawza odjerna hija wahda ta` indoli kostituzzjonali u mhux ghal likwidazzjoni ta` danni ghalhekk mhux kompitu ta` din il-Qorti la li tillikwida danni – hlief kumpens ghal lezjoni kostituzzjonali riskontrata - u lanqas li tiddeciedi x`konsegwenzi legali jistghu jgibu l-alterazzjonijiet strutturali li saru fil-fond mill-kazin intimat."*

Ghall-fini ta` kjarezza, tajjeb illi jigi sottolineat illi qorti bhal din *tista`* takkorda kumpens pekunjarju kif ukoll kumpens mhux pekunjarju, abbazi tal-Art 41 tal-Konvenzjoni, dment illi l-kumpens jigi erogat minhabba l-vjolazzjoni riskontrata ta` jedd fondamentali jew aktar, prova din illi tispetta lir-rikorrenti.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti talbu *kumpens* ghas-snin li kienu ilhom imcahhda mit-tgawdija ta` hwejjighom minghajr kumpens xieraq rizultat ta` okkupazzjoni kontinwa u furzata tal-fond de quo, kif ukoll talbu *hlas* ghall-hsara u danni kagunata lilhom b`konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom.

Dan premess, jirrizulta illi r-rikorrenti ressqu provi biex juru l-entita` tal-hsarat li garrab il-fond de quo kif ukoll biex juru kemm nefqu sabiex jirrimedjaw ghal dawk il-hsarat (ara fol 263 et seq).

Wara li qieset il-fatti u cirkostanzi tal-kaz taht ezami, il-Qorti ma ssibx li saret il-prova illi d-danni materjali ndikati fil-paragrafu ta` qabel kienu r-rizultat ta` l-okkupazzjoni kontinwa u forzuza tal-fond de quo. Mhux biss baqa` mhux determinat min ikkaguna l-hsara, izda lanqas iz-zmien meta saret il-hsara. Il-Qorti tishaq li l-oneru ta` dawn il-provi kien jispetta lir-rikorrenti.

Tajjeb wiehed ifakkar illi l-fond de quo kien ghand Carmelo Spiteri b`titolu ta` cens temporanju. Carmelo Spiteri kien jikri l-post lin-nies. Waqt id-dekorrenza tac-cens, ir-riparazzjoni u l-manutensjoni tal-fond kien regolat bil-kuntratt tac-cens, u fin-nuqqas mil-ligi. Harget l-RO. Dawk il-qraba ta` Carmelo Spiteri, li okkupaw il-fond de quo, ilkoll ikkonfermaw illi meta kien ghandhom il-post kien fi stat tajjeb. Ir-ritratti juru dak li juru. L-istess dak mistqarr mit-teknici. Fl-istess waqt, taghrbel kemm taghrbel, il-Qorti ma ssibx in-ness bejn il-hsara u l-vjolazzjoni.

Dan premess, ma jfissirx illi r-rikorrenti huma sprovvisti minn azzjoni ghal danni quddiem il-qrati ordinarji, dment illi hasbu biex jissalvagwardaw id-dritt ta` azzjoni li jippretendu li ghandhom ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Il-Qorti tirrimarka illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti ddikjaraw li l-azzjoni tal-lum kienet qeghda ssir b`riserva li jzommu lill-intimati responsabbli *in solidum* ghad-danni kollha sofferti minnhom.

B`zieda ma` l-premess, il-Qorti tkompli tirrileva illi huwa accettat fil-gurisprudenza illi kumpens li jinghata f`kawza ta` indole kostituzzjonali mhuwiex ekwivalenti ghal danni civili (ara :- **<u>Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et</u>** : Qorti Kostituzzjonali : 17 ta` Dicembru 2010 ; u **<u>Gatt et vs Avukat Generali et</u>** : Qorti Kostituzzjonali : 5 ta` Lulju 2011).

**Daqstant dwar il-hsara.**

**Nigu issa ghall-bqija tal-hames talba.**

Il-Qorti tqis illi minkejja li r-rikorrenti (skont il-verzjoni taghhom) saru jafu bl-esistenza tal-RO fl-2001, huma mexxew bil-kawza tal-lum f`Novembru 2012.

Irrizulta li bejn iz-zmien ta` wara li harget l-ordni ta` rekwizizzjoni sa meta ghalaq ic-cens temporanju, baqa` jithallas ic-cens fl-ammont ta` Lm 70 fis-sena lir-rikorrenti minn Carmelo Spiteri (Dok DS1).

Ic-cens temporanju favur Carmelo Spiteri ghalaq fl-ahhar ta` Frar 2002. Minkejja dan il-fatt, ir-rikorrenti ma hadux passi kontra Daniel Spiteri. Jidher illi fit-8 ta` April 2002 Daniel Spiteri baghat cheque bil-hlas tal-kera lir-rikorrenti (Dok DS5) liema cheque baqa` ma ssarrafx. Skont ma xehed Daniel Spiteri, huwa baqa` jiddepozita l-kera taht l-awtorita` tal-qorti. Ghalkemm ic-cedoli baqghu ma gewx prezentati bhala prova, l-esistenza taghhom ma kenitx kontestata mir-rikorrenti. Ma jirrizultax illi r-rikorrenti qatt taw rikonoxximent lil Daniel Spiteri, u ma ghamlu xejn kontra tieghu, hlief ghall-kawza tal-lum.

Irrizulta li fil-mori ta` din il-kawza, l-Awtorita` tad-Djar hadet lura c-cwievet tal-fond de quo. Pero` min-naha tar-rikorrenti kien hemm riluttanza illi jigbru c-cwievet minghand l-Awtorita` tad-Djar u b`hekk jiksbu lura l-pussess ta` fond de quo (ara d-deposizzjoni ta` Mario Magro u l-ittra esebita bhala Dok HA1 a fol 395). Bhala fatt u in segwitu ir-rikorrenti hadu c-cwievet.

**Hija l-fehma tal-Qorti illi r-rikorrenti ghandhom jinghataw kumpens ghall-vjolazzjoni accertata tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Fl-istess waqt tghid illi l-quantum tal-kumpens ghandu jirrifletti l-assjem ta` fatti u cirkostanzi appena accennati.**

Infatti huwa accertat anke mill-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali illi *"jista` jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-inattivita` tal-persuna li l-proprjeta` taghha tkun giet dikjarata li hija mehtiega ghal skop pubbliku, tista` tittiehed in konsiderazzjoni biex wiehed jara jekk dik il-persuna kellhiex mezz xieraq ta` rimedju…"* (ara : **Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet** : 25 ta` April 2008 ; **Fenech et vs Kummissarju tal-Artijiet** : 20 ta` Frar 2009 ; u **Tonna pro et noe et vs Kummissarju tal-Artijiet** : 3 ta` Marzu 2011)

Dan premess, il-Qorti tqis illi sal-2002, kif tajjeb kien eccepit mill-Awtorita` tad-Djar, kienet ir-rikorrenti li kienet stabbiliet l-ammont ta` Lm 70 fis-sena ghall-okkupazzjoni ta` l-fond abbazi tal-kuntratt ta` enfitewsi temporanju tad-19 ta` Marzu 1981 (Dok JMV1). Il-Qorti ma tarax li hemm lok ghall-ghoti ta` kumpens ghaz-zmien ta` bejn meta harget l-ordni ta` rekwizizzjoni sakemm ghalaq ic-cens ; dan meta tqis illi r-rikorrenti baqghu jircievu l-hlas tal-cens miftiehem.

**Fil-mizura tal-kumpens, il-Qorti sejra tqis id-data meta ma baqax effettiv ic-cens (1 ta` Marzu 2002) id-data meta l-fond de quo ma baqax rekwizizzjonat (27 ta` Awissu 2014) id-data meta kien dikjarat mill-Awtorita` tad-Djar li kienet lesta tghaddi l-pussess vakanti tal-fond de quo lir-rikorrenti (17 ta` Ottubru 2014) u d-data meta effettivament ir-rikorrenti hadu c-cwievet tal-fond de quo (29 ta` Frar 2016).**

Il-Qorti ma taqbilx mal-kontenut tad-disa` eccezzjoni ta` l-Awtorita` tad-Djar fis-sens illi ladarba wara l-2002, ir-rikorrenti ma kkontestawx l-ammont ta` Lm 70 fis-sena mhallas bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond, allura dak kien jimplika illi kien hemm accettazzjoni jew akkwijexxenza min-naha tar-rikorrenti. Ma taqbilx ghaliex irrizulta li r-rikorrenti qatt ma accettaw jew taw rikonoxximent lil hadd wara li skada c-cens.

Il-Qorti qieset ukoll l-ghaxar eccezzjoni ta` l-Awtorita` tad-Djar. Mhux rilevanti illi seta` jaghti l-kaz li wara l-iskadenza tac-cens, kien hemm

possibilita` li jiskattaw id-disposizzjonijiet tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk r-rikorrenti setghu sabu ruhhom fil-pozizzjoni li, minkejja li skada c-cens, xorta wahda ma setghux jiehdu lura l-fond de quo. Bla ma tidhol fi stharrig dwar l-applikazzjoni ommeno tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-kaz tal-lum, ghaliex stharrig ta` din ix-xorta jmur oltre l-gurisdizzjoni tal-qorti, dak li realment jinteressa lil din il-Qorti huwa li kien vjolazzjoni tal-jedd tar-rikorrenti skont l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Huwa wkoll irrilevanti illi bil-migja ta` l-emendi l-godda fil-qasam tal-ligi tal-kera, il-kera giet aggustata biex aktar tirrifletti z-ziedet fl-ammont tal-kumpens moghti.

Dwar il-quantum tal-kumpens, issir riferenza ghar-rapport tal-perit *ex parte* inkarikat mir-rikorrenti a fol 282.

Hemm inghad illi l-valur tas-suq tal-fond huwa ta` EUR 280,000 fil-kaz illi johrog il-permess ghal zvilupp tal-post, mentri l-valur tas-suq fil-kaz li jkunx hemm permessi u bil-htiega ta` manutensjoni ikun ta` EUR 105,000. Perit Mariello Spiteri kien tal-fehma illi l-ammont tal-kera tal-fond de quo fl-istat li huwa llum jammonta ghal EUR 475 fix-xahar, mentri l-ammont ta` kera tal-fond jekk ikun rinnovat jammonta ghal EUR 900 fix-xahar.

Taghmel ukoll riferenza ghar-rapport tal-perit *ex parte* inkarikat mill-Awtorita` tad-Djar a fol 349 et seq.

Hemm inghad illi l-valur tal-fond de quo fl-2015 kien jammonta ghal circa EUR 230,000 u ghalhekk il-valur tas-suq ghal kiri tal-fond kien ta` EUR 900 fix-xahar. Il-valur tal-post fl-1989 kien ta` circa EUR 46,000 mentri l-kera fl-1989 kienet ta` EUR 180 fix-xahar.

**Ghalkemm il-fehmiet tal-periti *ex parte* jikkostitwixxu prova, il-Qorti mhijiex marbuta bihom ghalkemm jistghu jkunu ndikattivi meta tigi biex tfassal il-gudizzju taghha.**

**Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni.**

**Ma jidhrilhiex li l-istimi tal-periti *ex parte* abbazi tat-*terms of reference* li nghataw mill-partijiet li nkarikaw kienu mirati sabiex jindirizzaw il-vjolazzjoni accertata u riskontrata. Ghalhekk il-Qorti**

**ma thosshiex marbuta bil-figuri li semmew ghall-fini tad-decizjoni taghha.**

**Wara li hadet kont ta` kollox, inkluz l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz li diga` ghamlet ampja riferenza ghalihom, id-dikjarazzjoni taghha li kien hemm vjolazzjoni, il-komportament tar-rikorrenti, u l-pronunzjamenti kemm tal-qrati taghna ta` indole kostituzzjonali u kif ukoll tal-ECHR, hija l-fehma konsiderata taghha illi l-kumpens shih ghall-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti ghandu jammonta ghal <u>€30,000</u>.**

## IX. <u>Il-posizzjoni tal-intimati Daniel Spiteri, Spiridione Spiteri u Rosemarie Deguara</u>

Tenut kont tan-natura tat-talbiet, il-Qorti ma tarax li dawn iregu kontra dawn l-intimati.

Huwa evidenti li t-tliet kienu nkluzi fil-kawza fl-ewwel lok minhabba kwistjoni ta` integrita` tal-gudizzju, kif ukoll minhabba t-tieni u t-tielet talbiet li in segwitu kienu ceduti.

It-tliet intimati ma kisru ebda jedd fondamentali tar-rikorrenti.

## <u>Decide</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-intimati Michael Spiteri, Theresa mart Anthony Darmanin, Carmelo sive` Charles Spiteri u Charles sive` Carlo Spiteri, stante li fil-mori tal-kawza kienu ceduti l-atti mir-rikorrenti fil-konfront ta` dawn l-intimati.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez tal-intimati Michael Spiteri, Theresa mart Anthony Darmanin, Carmelo sive`**

**Charles Spiteri u Charles sive` Carlo Spiteri, kif ukoll tal-kuraturi deputati li kienu mahtura fuq talba tar-rikorrenti sabiex jirrapprezentaw lill-assenti ntimati Carmelo sive` Charles Spiteri u Charles sive` Carlo Spiteri.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimati Daniel Spiteri, Spiridione Spiteri u Rosemarie mart Paul Deguara, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrenti.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba` (4) talbiet tar-rikorrenti stante li dawn it-talbiet kienu ceduti mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza in vista tal-konsenja lilhom tac-cwievet tal-fond de quo mill-intimata Awtorita` tad-Djar.**

**Tichad l-ewwel (1), it-tielet (3), is-sitt (6), id-disa` (9) u l-ghaxar eccezzjonijiet (10) tal-intimata Awtorita` tad-Djar.**

**Tilqa` ir-raba` (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita` tad-Djar.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba` (7) eccezzjoni tal-intimata Awtorita` tad-Djar stante li r-rikorrenti cedew it-tieni talba taghhom.**

**Riferibbilment ghall-ewwel (1) talba, tiddikjara illi bil-hrug tal-ordnijiet ta` rekwizizzjoni in kwistjoni ma kienx hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif tutelati bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.**

**Riferibbilment ukoll ghall-ewwel (1) talba, tiddikjara illi bil-hrug tal-ordnijiet ta` rekwizizzjoni in kwistjoni kien hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif tutelati bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.**

**Tilqa` l-hames (5) talba limitatament, billi tillikwida kumpens shih favur ir-rikorrenti fl-ammont ta` tletin elf Ewro (EUR 30,000) ghall-vjolazzjoni li garrbu tal-jeddijiet fondamentali taghhom skont dik il-parti tal-ewwel (1) talba li kienet akkolta. Tordna lill-intimata Awtorita` tad-Djar sabiex thallas lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidat.**

**Tordna lill-intimata Awtorita` tad-Djar sabiex thallas l-ispejjez relatati mat-tieni (2) eccezzjoni taghha li kienet respinta bis-sentenza taghha tal-10 ta` April 2014.**

**In kwantu ghall-bqija tal-ispejjez tal-kawza illi baqghu mhux decizi, tordna li dawn jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghal nofs mill-intimata Awtorita` tad-Djar.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**